Diċembru 2016 • Vol 23 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



Fil-Paġni ta' ġewwa:

- Messaġġi t'awguri għall-Milied hieni u Sena tajba mill-Ministru Carmelo Abela u mill-Kummissarju tal-Pulizija lill-membri tal-Korp
- Et Vivit – Chaplaincy Team
- EUROPOL – Our Way Ahead for The Presidency

U aktar…

Newspaper Post

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Diċembru 2016 • Vol 23 • Nru. 4

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

5. Editorjal

6. Messaġġ mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali Carmelo Abela

8. Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

11. Dan l-aħħar...

17. Is-*Sette Giugno* 1919 – Minn aspetti u eku tal-istorja

22. *Et Vivit*

25. EUROPOL - Our Way Ahead For The Presidency

28. Bżonn ta' ftehim settorjali ġdid

30. Malta Police Association

33. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

34. Pulizija, politiċi, għall-ogħla karigi kostituzzjonali

37. Paġna għat-Tfal

38. Ix-Xogħol tal-Pulizija u l-Familja

40. Għotja mid-ditta *Wilkinson* lill-membri tal-Korp tal-Pulizija

43. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

44. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

47. Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

55. International Police Association - Malta

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju



Ritratt CMRU

11



17



25



34



IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Assistent Kummissarju Mario Spiteri
Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
Membri: Supretendent Kenneth Haber
WPS 280 Louise Camilleri
WPC 25 Charlene Cilia
WPC 176 Sloune Gatt Fabri

Qari tal-Prova: WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom.
L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317
27 241345

e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
GUTENBERG PRESS

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Editorjal

Kważi għaddiet sena oħra u din id-darba ġew fdati lili dawn il-kelmtejn fuq il-magażin tagħna 'Il-Pulizija'. Fl-opinjoni tiegħi, f'dawn l-aħħar sentejn kellna progress f'dak li jirrigwardja artikli u kontenut inġenerali tal-magażin. Nixtieq li nibnu fuq dak it-tajjeb li ġa hemm u min-naħa tagħkom il-qarrejja, nixtieq li twasslu l-ideat tagħkom ta' x'tixtiequ taraw u taqraw. L-għan tagħna huwa li jkollna magażin interessanti u li jolqot kemm jista' jkun il-gosti ta' kulħadd. Għaldaqstant min hu nteressat, inħeġġiġkom tibgħatulna *emails*, iċċemplu jew ejjew kellmuna l-uffiċċju bl-ideat tagħkom. Min-naħa tiegħi, flimkien mal-membri l-ġodda tal-bord editorjali, bdejna l-ħidma anke fuq l-edizzjonijiet li jmiss, b'artikli kemmxejn differenti milli mdorrijin naraw is-soltu.

U kif qed insemmu x-xogħol minn wara l-kwinti, ta' min wieħed jagħmel referenza għall-artiklu li għandna f'din il-ħarġa dwar l-isports. Naħseb li dan il-kumitat qed jagħmel xogħol siewi ferm fejn jidħol organizzar ta' sports differenti u anke x-xogħol relatat mal-proġett tal-*games room*. Proset lil kull min hu nvolut f'din l-inizjattiva li minnha jista' jgawdi kulħadd.

Bħalma se taqraw fl-artiklu '*Dan l-Aħħar*', kellna avvenimenti mhux ħażin f'dawn it-tliet xhur u ma jistax jonqos ukoll li s-sena d-dieħla se tkun waħda impenjattiva (liema sena ma tkunx impenjattiva għalina?) Ix-xogħol tagħna hu dak li hu, mhux dejjem naħdmu fl-elementi u s-sitwazzjonijiet ideali, madanakollu l-istorja turina li għal kull biċċa xogħol li kellna, speċjalment dak li jirrigwarda avvenimenti nazzjonali, tajna iżjed mill-mija fil-mija tagħna. Is-sena 2017 mhux se tkun eċċezzjoni.

F'isem il-Bord Editorjali kollu nixtiequ nawguraw lil kulħadd il-Milied u s-Sena t-Tajba mimlija hena u saħħa!

L-Editur

rodienne.bartolo@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Messaġġ mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali Carmelo Abela

## Valur Ogħla Lix-Xogħol Tal-Pulizija

Resqin lejn il-festa sabiħa tal-Milied u allura nibdew nagħmlu l-kontijiet ta' sena sħiħa. Nistgħu ngħidu li kienet sena tassew impenjattiva għall-Pulizija u li għandu jwassal għall-bidu ta' sena ġdida mimlija sfidi ġodda li żgur se jirrikjedu minn kulħadd aktar impenn u dedikazzjoni.

Riflessjoni ħafifa lejn xi bidliet li pruvajna nġibu fil-Korp; insemmi dik il-ħidma biex ix-xogħol fil-Korp tal-Pulizija jibda jitqies bħala karriera. Irridu li kull wieħed u waħda minnkom tingħataw opportunitajiet ta' taħriġ kontinwu li għandu jwassal għal titjib fil-ħiliet fuq livelli professjonali li jissarraf f'avvanz fil-karriera.

Kien dan il-ħsieb li wassal għat-twaqqif tal-Akkademja għal Korpi Dixxiplinati f'Ta' Kandja. Fil-qasam tat-taħriġ, inħares lejn il-Korp minn lenti ottimista. Qegħdin nieħdu t-taħriġ tagħkom bis-serjetà. Inħeġġeġ lil kull wieħed u waħda minnkom biex tidħlu għall-opportunitajiet ta' taħriġ biex tkomplu trawmu l-abilitajiet tagħkom.

Fl-aħħar xhur, inħatar il-Bord tat-Tmexxija tal-Akkademja kompost minn professjonisti u akkademiċi fosthom mill-Università ta' Malta u l-MCAST. L-għan prinċipali huwa dak li joffri taħriġ ta' kwalità relatat mal-formazzjoni professjonali u t-titjib tal-ħiliet, attitudni u prattiċi li jintużaw ta' kuljum minn membri tal-forzi dixxiplinati. Dan b'korsijiet u programmi ta' taħriġ li jinkludu esperjenza prattika li għandhom iwasslu lejn kwalifiċi rikonoxxuti fil-Qafas Nazzjonali ta' Malta għall-kwalifiki. Għaldaqstant, irridu naslu biex il-korsijiet ikunu rikonoxxuti u tkunu tistgħu ssibuhom utli fid-dinja tax-xogħol, anke wara li ttemmu s-servizz tagħkom.

Nemmen li l-iżvilupp fil-ħiliet ser iwassal għal servizz ta' kwalità iżjed għolja lejn il-pajjiż. Il-protezzjoni ta' kull ċittadin trid tibqa' fil-qalba ta' ħidmietkom. Ir-rispett u l-fiduċja tas-soċjetà irridu nistinkaw biex niksbuhom ta' kuljum.

Qed ngħixu fi żmien fejn it-tip ta' reati li qed tmissu magħhom qed jinbidlu u jsiru aktar kumplessi. Dan ifisser li l-koperazzjoni tal-istess komunitajiet li intom isservu fihom, hija integrali fl-investigazzjonijiet tagħkom. Ibqgħu dejjem qrib il-poplu. Kull farka ta' informazzjoni li l-pubbliku jgħaddilkom, tista' tkun vitali biex intom jirnexxilkom tressqu persuni l-Qorti u ssolvu każijiet kriminali.

Nemmen ukoll li din kienet sena oħra fejn il-ġlieda kontra l-kriminalità kompliet tissaħħaħ. Biżżejjed wieħed jagħti ħarsa lejn it-titli tal-ġurnali tagħna fl-aħħar ġimgħat li għaddew li inkludew: '*845 persuna fuq reati ta' vjolenza domestika fl-ewwel 8 xhur tas-sena*', '*90 jitressqu fuq traffikar tad-droga*', '*Mill-inqas persuna kuljum akkużata b'serq*', '*Il-pedofelija twassal 29 persuna l-Qorti*', '*102 tressqu l-Qorti fuq reati ta' vjolenza fuq l-anzjani*'. Dawn huma titli li huma xhieda tal-impenn kbir tal-Pulizija sabiex ngħixu f'aktar serħan il-moħħ.



Għalija, kemm bħala Ministru u bħala missier, ix-xogħol tal-Pulizija għandu valur kbir. Ħaddiema li jħossuhom motivati u sodisfatti waqt il-qadi ta' dmirijiethom, huma ħaddiema li se joffru livell ta' servizz aqwa. Għaldaqstant, bħala Gvern qed nuru bil-fatti l-apprezzament tagħna lejn il-qadi ta' dmirijiet b'lealtà u effettività fiż-żamma tal-bon ordni u l-protezzjoni.

Dan qed nagħmluh billi intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħkom. Daħħalna drittijiet li kontu ilkom imċaħħda minnhom għal snin twal, fosthom id-dritt tas-sħubija f' *Union* tal-għażla tagħkom.

Naqqasna t-taxxa minn fuq *extra duty* filwaqt li qed naħdmu biex inżidu l-opportunitajiet għal dan it-tip ta' xogħol fosthom is-servizz ġdid tal-Pulizija tat-Turiżmu li qed jitħaddem bħala proġett pilota fuq bażi ta' xogħol *extra duty*.

Grazzi għall-ħidma tat-tmexxija tal-Korp taħt il-Kummissarju Lawrence Cutajar sar titjib ukoll fil-ħinijiet ta' xiftijiet. Iddaħħlu xiftijiet flessibbli li joffru mistrieħ adegwat u l-possibbiltà li intom tqattgħu aktar ħin mal-familja tagħkom.

Nagħrfu li x-xogħol jista' iġib miegħu element ta' periklu. Għaldaqstant, tajnikom id-dritt tal-pensjoni ta' irtirar f'każ li xi membru jsofri diżabilità permanenti li ma tippermettix li jkompli bis-servizz tiegħu u jekk allaħares qatt jitlef ħajtu, din il-pensjoni tgħaddi għand il-qraba tiegħu.

Fiż-żmien li ġej, l-immodernizzar tal-Korp tal-Pulizija se jibqa' l-ogħla prijorità. B'dan ma nifhmux biss investimenti ġodda fit-tagħmir tagħkom imma anke wkoll li wieħed ikun iħaddan mentalità moderna, il-bidla fil-ħsieb ta' kif tħarsu lejn xogħolkom u r-responsabilitajiet. Il-Pulizija għandu jagħmel xogħol li huwa strettament tal-Pulizija. Irrid nara aktar Pulizija fit-toroq u anqas Pulizija wara l-iskrivaniji.

Se nkomplu naħdmu fuq aktar ristrutturar fir-riżorsa umana mhux biss b'iżjed reklutaġġi imma anke b'analiżi tax-xogħol li għandu jsir mill-Pulizija u dak li jista' jsir minn uffiċjali pajzana. Il-mira hi li mal-kariga ġdida ta' Kap Eżekuttiv għal Korp tal-Pulizija, għandu jiżdied ir-rwol ta' uffiċjali pajżana fil-Pulizija, kemm fil-qasam amministrattiv kif ukoll f'ċertu taqsimiet speċjalizzati bl-ingaġġ ta' professjonisti pajżana.

Barra minn dan, id-distretti ser ikomplu jingħataw l-attenzjoni li tixirqilhom. Diġà bdejna naħdmu fuq it-titjib fl-għasses billi beda x-xogħol ta' rinovar f'uħud minnhom. L-għases distrettwali huma l-post fejn il-vittmi tar-reati kriminali jirrikorru għaldaqstant, trid tissokta l-ħidma biex il-Pulizija li jiffaċċjaw vittmi tar-reati jkunu aktar imħarrġa biex jaqdu d-doveri tagħhom b'effettività u dinjità.

Bħalissa, ninsabu ftit jiem 'il bogħod minn meta Malta se tkun fit-tmun tal-Presidenza tal-Unjoni Ewropea. Żgur li mill-aspett ta' sigurtà nazzjonali, din tirrikjedi ħafna xogħol, b'dedikazzjoni u attenzjoni għall-inqas dettal. Se jkun żmien fejn il-ħidma tal-Pulizija fit-toroq Maltin se tkun taħt skrutinju l-ħin kollu. Għandkom tħejju ruħkom għal dan iż-żmien b'entużjażmu u b'impenn l-istess kif għamiltu f'avvenimenti ta' natura simili. Kemm fil-Valletta *Summit* u fiċ-*CHOGM* ħriġtu bl-unuri.

Nagħlaq billi nappellalkom biex tkunu dejjem aktar kburin li tilbsu l-uniformi tal-Pulizija. Flimkien irridu nkomplu nibnu Korp tal-Pulizija li f'għajnejn in-nies huwa relevanti kemm għall-ħtiġijiet tas-soċjetà illum, kif ukoll tas-soċjetà ta' għada.

F'ismi u f'isem il-familja tiegħi, nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom Milied mimli hena, saħħa u paċi.

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija li wara kważi 38 sena servizz f'diversi gradi fil-Korp tal-Pulizija, issa qiegħed imiss lili li nagħmel dan il-messaġġ qasir lill-membri tal-Korp tal-Pulizija u lill-familjari tagħkom f'dan iż-żmien tas-sena hekk sabiħ.

Kif dħalt f'din il-kariga, l-ewwel bħala Aġent Kummissarju f'Mejju ta' din is-sena u wara bħala Kummissarju fil-bidu ta' Awwissu, l-ewwel ħsieb tiegħi kien li nagħmel minn kollox biex kemm jista' jkun kull membru tal-Korp, mill-kbir saż-żgħir, narah kuntent fuq il-post tax-xogħol tiegħu u dan kemm fid-distretti kif ukoll fid-diversi branki tal-Korp. Jiena, il-ħsieb tiegħi dejjem kien li bniedem jagħti l-aħjar tiegħu meta jkun qiegħed jaħdem f'kundizzjonijiet tajbin u xierqa għaż-żminijiet moderni tal-lum. Għal dan il-għan, f'dawn l-aħħar xhur, saru diversi bidliet fejn jidħlu kundizzjonijiet, fosthom tibdil ta' *shifts*. Qiegħed isir ukoll *up-grading* tal-għases, fejn fost ħafna affarijiet, ġie wkoll installat apparat tal-arja kundizzjonata. Sa ftit ilu dawn l-għases kienu mingħajr dan l-apparat hekk meħtieġ fil-klima tagħna, speċjalment fil-ġranet sħan tas-sajf. Qed naraw ukoll li ntejbu l-kundizzjonijiet għal dawk il-Pulizija li jkunu *fixed point duties*, infatti bil-mod, dejjem qed inżidu s-*sentry boxes* mgħammra b'arja kundizzjonata. Rajt ukoll li d-distretti kollha jiġu fornuti b'vetturi moderni għall-ħtiġijiet tagħhom. Dan ma jfissirx li ma hemmx ħafna affarijiet oħra xi jsiru. Bħalissa għaddejjin bil-proġett ta' modernizzar ta' għamara f'diversi għases bl-assistenza tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali.

Iżda, apparti dan kollu, jiena nemmen ukoll fir-riżors uman. Kulħadd għandu l-ħtiġijiet tiegħu. Jiena qiegħed niddedika ħafna ħin biex niltaqa' magħkom fuq livell personali sabiex nisma' mingħandkom il-problemi ta' kuljum li tiltaqgħu magħhom, kemm fuq il-post tax-xogħol u anke fil-ħajja personali tagħkom. Jiena dejjem ngħid li l-bieb tiegħi miftuħ għal kulħadd. Dan għamiltu f'kull kariga li kont fil-Korp u issa qiegħed nagħmlu aktar fil-kariga ta' Kummissarju. Ħadd ma għandu joqgħod lura li jitkellem dwar il-problemi tiegħu u fejn huwa ġustifikat dejjem ippruvajt insib xi forma ta' soluzzjoni u bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-individwu u l-interess tal-Korp tal-Pulizija.

Nixtieq insemmi wkoll xi ħaġa fuq dixxiplina, għaliex mingħajr dixxiplina ma tistax tmexxi tajjeb, mingħajr dixxiplina titlaq il-baħar. Dixxiplina ma tfissirx biss li żżomm *smart*, nadif, uniformi perfetta, tislim eċċ... Dak għandu jkun u m'għandu jonqos qatt, iżda hemm elementi oħra fejn tidħol dixxiplina



bħal fost oħrajn ir-rispett lejn xulxin, lejn iċ-ċittadin hu ta' liema kulur hu, irrispettivament minn liema twemmin u minn liema familja ġej. Id-dixxiplina tfisser ukoll li tħares id-doveri tiegħek kollha u tassigura li dawn ġew imwettqa b'effiċjenza totali.

Jiena nieħu din l-opportunità biex permezz tal-magażin 'Il-Pulizija', nawgura lil kull membru tal-Korp u l-familjari tiegħu l-isbaħ xewqat u fuq kollox nawgura l-ħidma t-tajba lil kulħadd għas-sena d-dieħla li se tkun sena b'diversi sfidi kbar għalina.

Bl-għajnuna ta' Alla l-Imbierek u bil-ħidma kontinwa tagħkom, jiena ċert li se nilħqu l-miri tagħna għas-sena d-dieħla.

Grazzi tal-koperazzjoni totali tagħkom u nerġa' nawgura lil kulħadd Milied ħieni u sena mimlija ġid lil kulħadd.

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU



Fit-22 ta' Settembru, il-Korp tal-Pulizija reġa' laqa' fi ħdanu numru ta' eks-Pulizija li ngħataw l-oppurtunità li jservu bħala kuntistabbli ta' riserva fuq bażi *part-time*. Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar ippresedew il-ġurament tal-ħatra ta' dawn il-Pulizija, 36 raġel u 4 nisa, li minn issa 'l quddiem se jservu ta' support f'oqsma varji tal-Korp fejn tinħtieġ l-għajnuna.

Kemm l-Onorevoli Ministru kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija f'diskorsi li għamlu ferħu lil dawn l-40 kuntistabbli ta' riserva li qed iservu ta' support biex tkompli tissaħħaħ ir-riżorsa umana tal-Korp.

Nifirħu lil dawn il-membri u nawgurawlhom saħħa u suċċess. Żgur li bl-esperjenza tagħhom ħa jkunu ta' għajnuna b'mod partikolari għall-kollegi ż-żgħar.

---

F'ċerimonja qasira li saret fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar it-28 ta' Settembru, 52 kuntistabbli - 35 raġel u 17-il mara ngħataw il-ħatra fir-rank ta' Surġent.

Wara li ngħataw il-ħatra ta' Surġenti, il-Kummissarju tal-Pulizija ndirizza lil dawk preżenti billi fakkarhom li hu jaf eżatt xi jfisser ir-rank ta' Surġent wara li 32 sena ilu kien Surġent huwa stess fi ħdan il-Korp. Huwa saħaq li r-rank ta' Surġent huwa s-sinsla tal-Korp u jġorr miegħu diversi rwoli bl-aktar wieħed importanti huwa l-fatt li huma bħala Surġenti huma l-punt bejn dawk ta' taħthom u l-fizzjali.

L-Onorevoli Ministru Carmelo Abela wkoll għamel diskors għal din l-okkażjoni fejn irrimarka li preżentament il-Korp tal-Pulizija għaddej minn żmien ta' ristrutturar fir-riżorsi umani u l-ħatra tas-Surġenti hija parti minn dan it-tisħiħ.



Kemm il-Ministru Abela kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija ferħu lil dawk preżenti għall-ħatra tagħhom u awgurawlhom il-ħidma t-tajba għall-ġid tal-Korp u għall-pajjiż inġenerali.

Aħna wkoll ningħaqdu ma' dawn l-awguri u nifirħu lil dawk kollha li ġew promossi b'mod partikolari l-kollega tagħna WPS280 Louise Camilleri, stazzjonata fl-uffiċċju tas-CMRU li fost doveri oħra nieħdu ħsieb ukoll dan il-magażin.

---

Propju fil-ġurnata ddedikata lil San Mikiel u jiġifieri nhar id-29 ta' Settembru, seħħet ċerimonja oħra li fiha ngħataw medalji u *clasps* lil numru ta' membri u eks-membri tal-Korp.

Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali s-Sur Carmelo Abela kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar.



Il-Kummissarju tal-Pulizija fid-diskors tiegħu qal li din iċ-ċerimonja tagħmlu tassew kburi meta jara 46 uffiċjal tal-Korp jirċievu l-medalja għal servizz twil u effiċjenti u l-*clasps*, kif ukoll 18-il eks-membru li wkoll ġew onorati b'dawn id-dekorazzjonijiet.

Il-Kummissarju filwaqt li rringrazzja lil kull min kien preżenti tenna li ma jridx jinsa lill-familjari ta' dawn il-membri u eks-membri fejn qal li mingħajr is-sapport tagħhom dan ma kienx ikun possibbli.

Il-Ministru wkoll feraħ lil dawn il-membri u rrimarka l-valur wara l-midalja bħala simbolu ta' gratitudni tal-ħidma siewja li għamlu b'rieda, dedikazzjoni u qlubija matul il-karriera.

---



Fit-12 t'Ottubru 2016, fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija ngħaqdu mal-Korp erba' kuntistabbli ta' riserva li mistennija jaħdmu fuq bażi *part-time*. Il-Kummissarju, is-Sur Lawrence Cutajar stqarr magħhom li kien bi pjaċir li qed jerġa' jilqagħhom lura fil-Korp u tenna jgħid li għandu fiduċja fihom u jaf x'jistgħu joffru. Filwaqt li awguralhom, fakkarhom li l-bieb tiegħu dejjem miftuħ f'każ ta' xi diffikultà li jistgħu jiltaqgħu magħha.

Fil-21 t'Ottubru ġewwa l-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati ġie fi tmiemu kors ta' taħriġ fejn ra 120 rekluta jilħqu bħala kuntistabblijiet tal-Pulizija. Għal din l-okkażjoni attendew l-Onorevoli Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, diversi uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, kif ukoll il-familjari tal-Pulizija li ħadu l-ġurament tal-ħatra.



Il-Kummissarju tal-Pulizija stqarr li kien qed iħossu sodisfatt li kien propju hu bħala Kummissarju li ser jifraħ lil dawn il-membri ġodda. Huwa qalilhom li dan kien biss il-bidu fejn ser jibdew jgħarfu kif jimxu t-triq tal-karriera tagħhom. Spjegalhom kif tul il-mixja tagħhom kemm l-esperjenza u t-tiġrib tax-xogħol kif ukoll il-ħajja, ser twassalhom biex jilħqu l-għarfien propju tal-ħidma tal-Pulizija, ħidma li fi kliem il-Kummissarju mhi xejn aktar ħlief missjoni nobbli lejn is-soċjetà li lilha ħa twiegħdu li tkunu qaddejja u servi tagħha sakemm tibqgħu sservu fil-Korp. Filwaqt li ferħilhom mill-qalb, il-Kummissarju awguralhom li jkunu verament servili, fuq kollox lejn ir-Repubblika ta' Malta b'karriera mimlija suċċessi.

Il-Ministru Abela wkoll feraħ lil dawn il-120 membru ġdid li ħadu l-ġurament tal-ħatra bħala kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija. Huwa tkellem fuq kif grazzi għal dan ir-reklutaġġ, id-distretti tal-Pulizija se jkomplu jissaħħu b'aktar riżorsi. Fid-diskors tiegħu saħaq ukoll fuq l-importanza ta' Korp modern, proattiv u eqreb tal-komunità kemm permezz ta' aktar rondi, kif ukoll kuntatt ma' setturi differenti fis-soċjetà.

Waqt il-*Passing Out Parade* fost dawn ir-rekluti li llum huma kuntistabblijiet ġew premjati tliet membri, PC1508 Brian Farrugia li ġie fit-tielet post u PC1089 Brady Sammut li ġie fit-tieni. Tajjeb li nsemmu li PC1089 ingħata wkoll il-premju Mark Farrugia u dan ifisser li PC Sammut ġie ppremjat bħala l-*Best Recruit* ta' dan il-kors. Imbagħad kellna lil PC751 Christian Mercieca li ġie fl-ewwel post.

Minn hawn nifirħu lil dawn il-Pulizija ġodda u filwaqt li nilqgħuhom fil-familja tagħna nawgurawlhom suċċess u saħħa matul il-ħidma tagħhom fil-Korp tal-Pulizija.

---



Il-Ħadd 6 ta' Novembru 2016, fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata, li jinsab f'Raħal Ġdid, ġiet iċċelebrata quddiesa akkumpanjata minn tqegħid ta' fjuri fuq il-qabar tal-Pulizija. F'din il-funzjoni, immexxija mill-Kappillan tal-Pulizija Fr. Raymond Bonnici OFM tfakarna fil-kollegi tagħna li m'għadhomx magħna. Preżenti kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, l-Onorevoli Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela, kif ukoll diversi uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Fiċ-ċerimonja, li kienet akkumpanjata wkoll mill-Gwardja tal-Unur, tqiegħdu kuruni tal-fjuri mill-Kummissarju tal-Pulizija, mill-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, kif ukoll minn rappreżentanti taż-żewġ unjins tal-Pulizija.

---




Nhar l-Erbgħa 9 ta' Novembru saret laqgħa ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, indirizzata mill-Onorevoli Ministru Carmelo Abela flimkien mad-Direttur tal-Europol is-Sur Rob Wainwright. Preżenti wkoll kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar kif ukoll uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp.

Din il-laqgħa kienet immirata sabiex tkompli tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata mhux biss f'pajjiżna imma madwar l-Ewropa. Fil-fatt waqt il-Presidenza tal-UE li se ssir ġewwa pajjiżna, Malta ser tkun qed taħdem ukoll biex tiġi varata politika ġdida kontra l-kriminalità organizzata.

Il-Ministru Abela fid-diskors tiegħu saħaq li fiż-żmien fejn il-kriminalità qed issir mingħajr borduri, l-isforzi għandhom ikunu transazzjonali. Għaldaqstant il-koperazzjoni bejn il-Pulizija fl-Ewropa biex tiġi miġġielda l-kriminalità se tibqa' prijorità matul il-Presidenza Maltija tal-Kunsill Ewropew.

Is-Sur Rob Wainwright min-naħa tiegħu tkellem fuq il-koperazzjoni mill-aqwa li teżisti bejn il-Pulizija Maltija u l-Europol u esprima ottimiżmu għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet eżistenti.

---

Fil-jum tal-Ħadd 13 ta' Novembru, il-Gwardja tal-Unur tal-Pulizija ħadet sehem f'attività li tfakkar lis-suldati u n-nies fis-servizz li tilfu ħajjithom fil-gwerer, iktar u aħjar magħrufa bħala *Poppy Day*.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar qiegħed kuruna tal-fjuri fuq il-monument tal-Gwerra li jinsab fil-Furjana. Għal din l-okkażjoni attendew ukoll persuni u uffiċjali għolja tal-pajjiż fejn sellmu lil dawn ħutna li taw ħajjithom għal skop daqshekk nobbli.

---

Fl-20 ta' Novembru 2016, propju fil-jum tal-Ħadd, ġewwa l-kappella taċ-Ċimiterju Santa Marija li tinsab fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex ġew imfakkra l-kollegi tagħna Pulizija li mietu matul is-snin u jinsabu midfuna fil-gżira ta' Għawdex.

Wara quddiesa li ġiet iċċelebrata fil-kappella tal-istess ċimiterju, tqiegħdu kuruni tal-fjuri fuq il-qabar tal-Pulizija. Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija kif ukoll diversi membri tal-Korp stazzjonati ġewwa d-Distrett ta' Għawdex.

---

Nhar il-21 ta' Novembru, il-Kummissarju tal-Pulizija ġie ppreżentat bi flokk uffiċjali li ntuża mill-Kuntistabbli 801 Paul Abela waqt ALIVE2016 *Cycling Challenge for Cancer*. Il-Kuntistabbli Abela pparteċipa f'din l-attivita u ġabar is-somma ta' €2,123 minn membri tal-Korp tal-Pulizija, uffiċjali pajżana li jaħdmu ġewwa d-Depot tal-Pulizija kif ukoll ħaddiema uffiċjali ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin.
Din il-maratona bdiet il-Kroazja u ħadithom l-Islovenja, l-Italja u spiċċat il-Vatikan ġewwa Ruma. B'kollox iċ-ċiklisti qadfu 1100Km. Is-somma li nġabret f'din l-attivita hija ta' 70,000Euro u dawn mistennija jintużaw għar-riċerka tal-kanċer ta' tfal ġewwa Malta.





magazine.police@gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Is-*Sette Giugno* 1919 – Minn aspetti u eku tal-istorja

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Fil-fehma tal-istudjużi, l-istorja hija omm is-suġġetti l-oħra kollha mgħallma. Hi tgħallmek fost oħrajn li għalkemm jgħaddi ż-żmien, il-bniedem fl-aħħar mill-aħħar ftit li xejn jinbidel. Ser jibqgħu jseħħu u jirrepetu ruħhom ċertu ġrajjiet u ser jibqa' jkun ukoll riflessjoni ta' dak li jkun qed iseħħ madwaru. L-istorja tgħallmek tanalizza aħjar ċertu sitwazzjonijiet, fosthom dawk b'kunflitti u nkontri oħra tal-ħajja, waqt li tagħnik ukoll bi kwalitajiet sabiex tieħu deċiżjonijiet f'waqthom, aktar ġusti u effettivi fl-attwalità taż-żmien.

Mit-titlu li użajt fl-artiklu, wieħed jinduna li l-istorja ser toħodna lura kważi mitt sena, minn meta seħħew il-ġrajjiet tas-*Sette Giugno* tal-1919. Għalkemm din il-ġrajja wieħed jista' joħodha bħala ġrajja oħra minn ġrajjiet il-poplu, fil-prinċipju nemmen li din kienet l-ewwel azzjoni politika pura ta' pajjiżna, fejn il-poplu nnifsu, b'mod stantanju u mingħajr ma kellu l-għajnuna jew l-influwenza tal-klassi l-għolja, iżda fuq ir-rieda tiegħu nnifsu qam biex joħodha kontra min kien qed jaħkmu u jbiddel il-mod tal-għajxien tiegħu. Naraw kif din il-klassi kienet ħafja, injoranta u trattata ħażin, waqt li xi wħud jaħdmu, għax hekk kien jaqbel, sabiex il-baxx jibqa' f'dik il-kultura li jikkonsla bix-xenxilli sagri jew ikkontrollat ukoll bi twerwir ġej minn superstizzjonijiet u elementi oħra li jrażżnuh u jaljenawh minn ċertu xewqat li seta' jkollu.

Din kienet l-istess klassi ffurmata minn poplu li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu nies ta' rieda tajba li tħallew nieqsa wkoll mit-tagħlim propju ta' Kristu, sabiex jagħrfu jgħixu l-veru valuri Evanġeliċi Tiegħu. Tant li għaċ-ċorma l-akbar qima lil Alla kienet tingħata waqt il-briju tal-festi u fid-dillierju ta' San 'l hawn u San 'l hemm. Barra minn hekk dawn qajla kienu jkunu jafu tal-inqas xi tfisser il-kelma politika u l-andament tagħha. Kienu jistrieħu u jiddependu biss minn dak li jgħidu u jiddeċiedu l-klassi tal-intellettwali, li kienu jinfluwenzaw kull ħaġa li kienet qed tiġri madwarhom u li mhux neċessarjament kienet il-politika li taqbel għall-ħtiġijiet, l-għaqda, il-paċi u l-progress tagħhom.

Min-naħa l-oħra, il-klassi tas-soċjetà l-għolja ta' dak iż-żmien kienet tikkonsisti mill-avukati, in-nutara, it-tobba, il-qassisin u professjonisti oħra li magħhom kienu jingħaqdu wkoll l-għaqdiet tan-nobbli u n-negozjanti. Ilkoll kienu jiffurmaw il-klassi tal-intellettwali ta' pajjiżna f'dawk iż-żminijiet; mgħallma l-iskola, mitmugħa u mlibbsa tajjeb, armati bil-kotba, bil-gazzetti u biċ-ċirkoli. Din l-istess klassi kienet twarrab lill-ħaddiem tal-id minn kull attività ċivili, tifirdu minn kull kuntatt li jwessa' l-moħħ għall-għerf, li jżidlu l-interess fil-ħajja u jgħinu jgħix aħjar; qalbu timtela' bit-tama u tinfetaħ għal sentimenti nobbli, sabiex imbagħad verament isaħħaħ lir-ruħ.

### X'wassal għall-irvellijiet

- Jogħla sewwa l-prezz tal-ħobż – jiżdiedu t-taxxi – jingħataw is-sensji.

Għal mijiet ta' snin, il-kultivazzjoni tal-qamħ u ċereali oħra f'Malta ma kinux biżżejjed biex tlaħħaq mal-popolazzjoni dejjem tiżdied. Għalhekk pajjiżna kien jimporta minn Sqallija u minn postijiet oħra. Fi żmien il-Kavallieri (1530-1798) kien baqa' jsir l-istess, anzi fi żmienhom kien sar monopolju tal-Gvern. Meta ġew l-Ingliżi fl-1800, mill-ewwel urew li sistema bħal din ma kinitx togħġobhom u fi ftit żmien neħħew il-monopolju u fetħuh għas-suq ħieles. S'intendi neħħew ukoll il-prezz massimu li bih seta' jinbiegħ il-ħobż. Huma b'hekk kienu laħqu tliet għanijiet: biex ikunu qed jaqblu mal-prinċipji ta' kummerċ ħieles li kienu jħaddnu; jeħilsu mir-responsabilità lejn popolazzjoni ċivili li għalihom kienet tfisser ħruġ ta' flus minn ġewwa, waqt li b'hekk jogħġbu wkoll lin-negozjanti Ingliżi tal-qamħ fil-Mediterran.

Għalhekk bl-iskarsezzi li nħolqu - l-għoli tal-ħajja, sensji jiżdiedu, kontrolli żejda u r-riħa tal-korruzzjoni li kienet bdiet ħierġa minn diversi rkejjen, l-għadab tal-poplu kontra n-negozjanti u l-importaturi, it-tkeskis fil-gazzetti, iż-żieda fit-taxxi minħabba l-infiq li sar fl-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) u ż-żieda tal-pagi taċ-ċivil, wassal sabiex ġab is-sitwazzjoni eżatt max-xifer u f'Marzu tal-1919 jaħbtu għall-*Casinò Maltese*, il-każin tan-nobbli u s-sinjuri tal-Belt, u jagħmlu bl-ikrah ukoll għas-sid tal-imtieħen.



Madankollu, tajjeb li wieħed isemmi li l-Gvernatur Paul Methuen ma kienx qabel ma' dawn il-miżuri u minkejja li kien ta r-raġunijiet tiegħu xorta waħda kien ġie ordnat sabiex iżid it-taxxi.

### Sehem il-gazzetti qabel l-irvellijiet

Il-gazzetti, fosthom Il-Ħmar, Il-Ħabib u Il-Ħaddiem flimkien ma' oħrajn kienu taw ukoll is-sehem tagħhom f'din ir-rewwixta permezz ta' messaġġi mqanqla lill-poplu. Siltiet minn fosthom taħt it-titli, "*Kunu Ibsin Maltin*", "*Poplu Tmattar*" "*Issa huwa l-mument O poplu, li aħna nqumu u ma nibqgħux iżjed rotob, inkunu ibsin, inkunu feroċi, inriegħdu lil kull min biss iħares lejna, aħna qegħdin f'darna... aħna rridu nkunu liberi... nuru li m'aħniex kuntenti... inħarsu biċ-ċiera lejn il-barranin li qegħdin jaħkmuna... ma nibqgħux iżjed mansi Maltin ħutna... inġiegħlu lil min qiegħed jaħqarna u jisraqna jroddilna ħwejjiġna. Poplu tmattar u ara min qiegħed joqtlok bil-ġuħ... min qiegħed jixroblok demmek u ħwejġek jaħtaf li għaraqt għalih... Min huma dawk il-klieb li ħniena għal hemmek, għal agunitek ma jħossux ġo fihom? Hekk b'ħiltek kollha u dak li ħaqqhom tihom il-qirda li tinħtieġ, tal-qalil semmek, laqqam ġo demmhom u min int urihom. Is-sofri kemm ser iddum b'idejk misluba...?!*"

### Affettwati wkoll il-pulizija u l-għalliema

Lejn tmiem l-1916 bil-ħajja dejjem togħla, il-ħaddiema tal-gvern bdew jagħfsu għal paga ogħla. Kienet meħtieġa wkoll riorganizzazzjoni għall-Korp tal-Pulizija, li ma setgħetx issir minħabba li din kienet ser tiswa ħafna flus. L-għalliema fl-iskejjel ukoll kienu mħallsa bil-ħbub. Fil-fatt kien skandlu pubbliku 'illi l-membri tal-korp tal-pulizija u l-għalliema kienu mħallsa inqas minn dak li kont tista' ssejjaħlu *living wage*. Sadanittant il-Kummissarju tal-Pulizija Claude Woodruff Duncan, f'Ottubru ta' dik is-sena kien għamel appell urġenti u kunfidenzjali lill-Gvernatur fejn talbu sabiex iżid immedjatament is-salarji tal-pulizija, ħalli jkunu jistgħu jistejqru xi ftit; '*Il-Pulizija stazzjonati l-Belt ilhom sikwit igergru li ma jistgħux jgħixu bil-paga li għandhom... issa qed jgħidu li huma batuti sewwa u prattikalment qed imutu bil-ġuħ, dawn kellhom jirħanu l-oġġetti prezzjużi u affarijiet oħra li kellhom; qed jgħidu wkoll li mhux jaqilgħu biżżejjed biex ikollhom x'jieklu u b'hekk sejrin jiddgħajfu tant illi ma jkunux kapaċi joħorġu għax-xogħol*'. Fuq it-talba ta' Duncan, il-Gvernatur kien wieġeb mingħajr ma qagħad jistenna bħalma s-soltu jiġri għall-approvazzjoni mis-Segretarju tal-Istat u approva żieda ta' £620 għall-erba' xhur li kien fadal minn dik is-sena finanzjarja.



### Dettall minn xi ntqal fl-inkjesta

Wara l-inkwiet tas-*Sette Giugno*, il-Gvernatur kien ħatar inkjesta sabiex tanalizza dak li kien ġara. Din kienet ippreseduta mill-Imħallef anzjan Paris, il-Maġistrat Camilleri, l-Avukat Debono u l-Logotenenti Kurunelli Brooke u Bomfield. Fl-inkjesta kienet ittieħdet ix-xhieda lil madwar mija u ħamsin persuna, minn fosthom membri tal-Korp tal-Pulizija, kif ukoll l-eks-Kmandant tal-Korp Tancred Curmi li kien ilu li spiċċa madwar erba' snin. Fir-rapport tal-inkjesta jissemma li l-pulizija ma ħaditx il-prekawzjonijiet meħtieġa ma' ċertu postijiet fejn seta' jinqala' l-inkwiet, billi ma ntbagħtux pulizija sabiex jgħassuhom. Jintqal

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

ukoll x'miżuri kellhom jittieħdu, waqt li jistaqsu fost affarijiet oħra – '*għalxiex ma kinitx intużat il-kavallerija, waqt dawk l-irvellijiet ġewwa l-Belt*? Il-kavallerija tal-pulizija, dak iż-żmien kienet tikkonsisti minn sitt iżwiemel li aktarx ma kinux imħarrġa għall-kontroll ta' dik ix-xorta ta' rvell. Jirriżulta wkoll skont l-inkjesta, li l-pulizija ma riditx li jkollha sehem mit-tixrid taddemm ta' Maltin u li donnhom huma wkoll kienu qablu mal-protesti tas-*Sette Giugno*.

Jissemma wkoll li kien ġie kkritikat l-Aġent Kummissarju u li ma kinux ġew aċċettati l-iskużi li kien ressaq sabiex jiġġustifika l-aġir tiegħu dwar dawk l-inċidenti.

### Theddid ta' strajk mill-pulizija

Kif għidt, il-pulizija kienet imxebbgħa u sfruttata għallaħħar bil-kundizzjonijiet ħżiena ta' xogħol u l-miżerja ta' pagi. Fl-istess rapport tal-inkjesta jissemma li l-pulizija kienu għal diversi drabi heddew lill-awtoritajiet illi jekk ma jitjibux l-affarijiet kienu ser jistrajkjaw. Ta' min jgħid illi fl-istess żmien il-pulizija Ingliża kienu wkoll qed jiġġieldu sabiex isir titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-pagi tagħhom. Dawn fil-fatt kienu strajkjaw.

Kummenti qosra mix-xhieda kkollaborati tas-Supretendent Ramiro Barbaro Sant u l-iSpetturi Lopez, Lisano u Inglott:

'*Il-Folla kienet kbira wisq, aħna konna ftit wisq… l-agħar nies fl-irvellijiet kienu n-nies ta' Ħal Qormi…. kienu tawni parir sabiex ma mmorrux fejn kienu bdew jinġemgħu huma…, dawn kienu qegħdin jheddu lil kulħadd...*'

L-Ispettur Lopez xehed li '*nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju kont ġejt mibgħut immur Strada Forni fejn kienet attakkata d-dar ta' sid l-imtieħen - Saint George's Flour Mills. Ħadt miegħi tletin pulizija, iżda xħin wasalna l-folla ġiet għalina jgħajtu 'morru lura, inkella noqtlukom' u xeħtulna xi kotba. In-nies tiegħi tilfu l-kuraġġ u qaluli ma nistgħu nagħmlu xejn... m'għandniex armi. In-nies tiegħi kellhom jirtiraw...*'

Barra l-Belt, l-irvellijiet kienu tferrxu wkoll fl-irħula l-kbar - fil-Ħamrun, f'Ħal Qormi u r-Rabat...

*Madwar tlieta u tletin persuna kienu ġew arrestati – erbgħa u għoxrin milli kienu ġew feruti u l-erbgħa maqtula kienu ngħataw kumpens.

*Id-Deputat Kummissarju James Frendo Azzopardi nħatar Aġent Kummissarju f'Marzu tal-1919 minħabba li Claude Woodruff Duncan temm l-impjieg tiegħu bħala Kummissarju, sabiex inħatar Spettur Ġenerali tal-Pulizija fis-*South Nigeria*.


MALTA.
POLICE HEADQUARTERS
No. 57/19
14th June, 1919.
Sir, I have the honour to inform you that the number of persons who have been so far, arrested for participating in the recent troubles is thirty three (33) including the one who on Sunday last in Pta Teatro inflicted serious bodily harm on a British soldier.
Other arrests will be effected.
I have the honour to be Sir, Your obedient Servant
Frendo Azzopardi
Ag. Com. of Police
His Honour
The Lieutenant Governor

*F'Lulju mbagħad kien wasal f'Malta l-Gvernatur Herbert Plumer u ftit warajh wasal ukoll il-Logutenent Kurunell Henry William Bamford li fl-istess xahar inħatar Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll l-iSpettur tal-Ħabsijiet. Hu kien strumentali fit-twettiq għarriforma li kienet saret.

*Wara l-irvellijiet, il-pulizija kienu gawdew ukoll għax xi ġimgħat wara l-irvellijiet kienet saret riforma kbira li tejbet realment il-qagħda li kienu jinsabu fiha minn diversi aspetti.

*Fil-Parlament Ingliż nhar l-20 ta' Novembru 1919, jitħabbar li Malta kienet ser tingħata kontroll sħiħ għall-affarijiet purament lokali tagħha.

*Fl-1 ta' Novembru 1921, jinfetaħ uffiċjalment l-ewwel Parlament Malti mill-Prinċep Dwardu ta' *Wales*, għan-nom ta' missieru r-Re Ġorġ V skont il-kostituzzjoni ta' Amery Milner.

Jagħmel sew poplu meta jikkulturizza fatti jew ġrajjiet mill-Istorja tiegħu. Avveniment annwali bħal dan, dwar waħda mill-akbar ġrajjiet ta' dan il-poplu, m'għandu qatt b'xi mod titnaqqaslu l-importanza tiegħu, anzi għandha tibqa' fil-memorja, biex tfakkar u tgħallem li l-kisba tal-ħelsien politiku, id-dinjità, il-ġid u d-drittijiet li kiseb dan il-poplu kisibhom permezz tad-demm, l-għaqal u l-għaraq ta' missirijietna. Fid-dawl ta' dan, din il-ġrajja għandha tgħallimna wkoll sabiex jiġu mwarrba u evitati ċertu preġudizzji soċjali.

Il-Parlament Malti għandu d-dmir li bi kburija, jibqa' jfakkar lin-Nazzjon din il-ġrajja, mhux biss bħala l-kawża prinċipali għall-għeruq tiegħu, iżda wkoll għal dak kollu li seħħ, sabiex illum għandna u qed ingawdu d-Demokrazija Parlamentari f'pajjiżna.

Nagħlaq b'rabta ma' kumment li bih bdejt l-artiklu. Jekk wieħed jagħmel xi ftit tal-analiżi, naħseb li jista' jasal ukoll biex jgħid li setgħu kienu huma, dawk tal-klassi għolja u l-intellettwali, il-moffa, l-għanqbut u d-dlam fl-imħuħ tal-Maltin u mhux il-kontra.

***Niddedika dan l-artiklu kif ukoll insellem lil dawk il-Membri tal-Korp li fl-ispirtu waqt l-irvellijiet tas-Sette Giugno kienu għalenija mal-Maltin ħuthom.***

joseph.q.borg@gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# *Et Vivit*

*Chaplaincy Team*

Minn dis-sena ċ-*Chaplaincy* bdiet torganizza sensiela ta' sessjonijiet ta' riflessjoni u adorazzjoni kull tielet Ġimgħa tax-xahar, bl-isem ta' *Et Vivit*.

L-isem *Et Vivit* huwa traduzzjoni bil-Latin tal-kliem 'Huwa Ħaj'.

Matul il-ħajja tagħna, kemm dik personali kif ukoll fil-qadi ta' dmirijietna fuq il-post tax-xogħol, spiss niltaqgħu ma' ċirkostanzi li jġagħluna nħossuna waħidna u mgħobbijin b'niket li jġorrna miegħu. Tassew li din hija realtà li xi ftit jew wisq kulħadd jieħu esperjenza tagħha. Ir-realtà hija li l-ħajja li qed ngħixu, id-dinja mgħaġġla ta' madwarna, il-mard, problemi familjari, dak li nisimgħu fuq l-aħbarijiet u nsegwu fix-xena internazzjonali, inċident wara ieħor, diffikultajiet fuq il-post tax-xogħol, u ħafna ċirkostanzi oħra ta' din ix-xorta, iġibu fuqna dawn l-emozzjonijiet li jsakkruna f'kantina ġo fina nfusna, immanettjati ma' dlam u toqol li kważi jtellfilna x-xewqa li ngħixu. Tassew li ngħaddu minn esperjenza tal-mewt.

Kieku kelli nitlob lil Kristjan sabiex f'kelma waħda jiddeskrivi lil Ġesù, żgur li l-istint tiegħu ffurmat mit-tradizzjoni reliġjuża jwasslu biex inissel bosta kliem bħal 'imħabba', 'ħniena', 'Alla', u forsi xi oħrajn. Dawn id-deskrizzjonijiet kollha huma korretti, iżda hemm element ta' fatt importanti ħafna li ħafna drabi fil-kultura reliġjuża li ngħixu fiha ninsew jew nonqsu milli nirrealizzaw u nesperjenzaw - li Ġesù huwa ĦAJ, u dan minkejja li l-Kattoliku jistqarr ta' kull nhar ta' Ħadd waqt li jkun qed inissel il-kliem tal-Kredu li Ġesù '*qiegħed in-naħa tal-lemin tal-Missier*'.

L-għan tas-sessjonijiet t'*Et Vivit* huwa propju li fil-waqt li nirrispettaw it-tradizzjoni, naqbdu temi u avvenimenti saljenti mill-ħajja ta' Ġesù u l-istorja tas-salvazzjoni tal-bniedem, u permezz ta' riflessjoni nnisslu konoxxenza li Ġesù huwa ħaj. Wara nkomplu b'adorazzjoni sabiex fil-konoxxenza tal-preżenza ħajja ta' Ġesù, nieħdu l-esperjenza tiegħu. Ilkoll kemm aħna mistiedna sabiex nesperjenzaw din il-qawwa daqshekk kbira u ħajja permezz tal-Ispirtu s-Santu. Wara kollox kien Ġesù stess li wegħedna dan – l-istess Ġesù li wiegħed li se jmut u hekk ġara, u li wiegħed li se jerġa' jqum u hekk ġara wkoll. Fil-fatt, fl-Iskrittura nsibu bosta rakkonti ta' din l-esperjenza daqshekk b'saħħitha, bħal fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli kif ukoll f'kitbiet oħra, fejn dawk li talbu u rċevew din il-qawwa permezz tal-Ispirtu s-Santu, raw f'ħajjithom din l-esperjenza ta' mewt tinbidel f'manifestazzjoni u ċelebrazzjoni tal-glorja t'Alla l-ħaj.

Allura dik l-esperjenza ta' mewt, dak id-dlam u toqol li semmejna fil-bidu, dan kollu jista' jinbidel f'esperjenza qaddisa ta' Ġesù li huwa realment ħaj. Dan Ġesù li twieled, għex, miet u qam biex jien ngħix, jistedinna biex immutu u nqumu mill-ġdid miegħu. Ma jeħtiġx wisq sforz, iżda sempliċiment atti t'umiltà li naċċettaw id-dgħufijiet u ċ-ċokon tagħna u nressquhom quddiem dak li llum qed isaltan fuq il-lemin tal-Missier.

Forsi dan il-kliem kultant jinstema' fieraħ. Iżda lkoll kemm aħna naraw nies madwarna li minkejja d-diffikultajiet li tippreżentalhom il-ħajja, jimmeraviljawna kif mingħajr ma jaħarbu mir-realtà li jkunu qed jgħixu, jibqgħu jitbissmu u l-fidi tagħhom f'Ġesù tibqa' hemm. Hawn m'aħniex qed nitkellmu fuq teoloġi jew nies fil-kleru, iżda fuq persuni li fis-sempliċità tagħhom ifittxu li jgħixu ħajja qaddisa b'Ġesù, ma' Ġesù u f'Ġesù ħaj. Minkejja dan kollu, li lkoll kemm aħna f'xi waqt konna xhieda tiegħu u rajna b'għajnejna stess, xorta waħda ħafna drabi d-dinja ta' madwarna tikkonvinċina li dan mhux minnu – u bħallikieku d-dwejjaq, in-niket u d-dispramen huma l-kundanna tagħna. Imma l-aħbar it-tajba għalina lkoll hija li Ġesù stess biddel il-kundanna tagħna u li aħna nġibu fuqna kontinwament, f'rebħa fuq il-mewt. Dan huwa l-misteru li xejn u ħadd qatt ma seta' jegħleb, jekk mhux b'qawwa t'Alla – l-istess qawwa li aħna lkoll nistgħu nsibu ġo fina.

Għalhekk għeżież, nistedinkom sabiex minn dan il-Milied, ma nibqgħux inħarsu lejn Ġesù bħala karattru protagonist tal-istorja tal-passat, jew filosofu jew politiku kbir, iżda bħala dak il-veru Alla u veru bniedem li minkejja l-eżistenza eterna tiegħu, tassew tnissel u sar bniedem bħalna u għadu ħaj sal-lum, u li jekk infittxuh u naċċettawh f'ħajjitna, jista' jimla d-dlamijiet tagħna b'dawl ta' ħajja vera. Għax tassew li 'Huwa Ħaj'.

magazine.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# EUROPOL - Our Way Ahead For The Presidency

Superintendent Michael Mallia - *Europol Liaison Bureau*

Europol is situated in The Hague in the Netherlands and is the European Union's (EU) law enforcement agency and information hub on crime, with information-sharing capabilities for the EU's law enforcement authorities. Its main goal is to assist the 28 EU Member States in their fight against serious international crime and terrorism to achieve a safer Europe for the benefit of all EU citizens.

Europol's accountability lies in its governing framework involving the Justice and Interior Ministers of all Member States, the European Parliament and other EU bodies. Whereas Europol's Director heads its daily operations, the main governing body is Europol's Management Board composed of high ranking representatives from each Member State. The Management Board provides Europol strategic guidance, oversees the implementation of Europol's tasks and plays a main role in the selection of the Director and other high ranking Europol officials.

According to agreements between the three consecutive presidencies of the Council of the EU - Netherlands, Slovakia and Malta, Malta took the responsibility to lead the two Management's Board working groups on Information and Communication Technologies and the working group on Corporate Matters as from the beginning of the year 2016 throughout the end of June 2017. Other groups chaired by Malta during its presidency, are the Head of Desks of Liaison Bureaus at Europol and the European Multidisciplinary Platform against Criminal Threats (EMPACT) coordinators assembly which is one of the largest and most important working groups at Europol. All of these groups are composed by national representatives coming from the 28 EU Member States to discuss on EU's law enforcement priorities and joint operations in line with Europol's crime threat assessments. During its presidency, Malta will also have a major role in the selection and recruitment of Europol's positions, sought for from officers in all law enforcement agencies within the EU.

Assistant Commissioner International Relations Unit (IRU) Stephen Gatt is the Maltese Member of Europol's Management Board whereas Superintendent Michael Mallia is the Chairperson of its two working groups responsible for preparing Europol's internal policies and draft decisions to the Management Board for its eventual endorsements. Aside with supporting these and other presidency related matters, the staff at the Europol National Unit (ENU) supervised by inspectors Raymond Cassar and Sarah Magri is also tasked with an array of other duties of operational nature at EU level in coordination with the Maltese Liaison Bureau at Europol.



*Superintendent Michael Mallia as the Head of the Maltese Desk at Europol's Liaison Bureau in The Hague chairing Europol's Management Board working group on Corporate Matters.*

To accommodate for a broader participation in Europol's regional operations, information sharing and administrative commitments, the ENU has recently been reorganized with the recruitment of additional staff as part of a team responsible for the coordination of information exchange at national level. These police officers are constantly being trained to use the various crime information and intelligence tools / networks available at the national unit, particularly the Europol Information System (EIS), the Secure Information Exchange Network Application (SIENA), and the European Platform for Experts (EPE) amongst others.

With the EIS being the most currently used crime database by the investigative services in all Member States, Europol is currently embarking on a large scale project for the integration of all its crime databases and to extend their access directly to officers within the investigative services and on-the-field officers in all Member States. Suspects, vehicles, electronic addresses, phone numbers, firearms and an array of other crime related queries of both local and foreign origin can be instantly checked against the EIS for any matches. Within the Malta Police, access to EIS is currently confined to the ENU; however, plans to extend its access to other investigative services within the police are currently in progress.



*Assistant Commissioner IRU Stephen Gatt as Chair of the National EMPACT coordinators meeting in Europol The Hague introducing the Maltese Presidency's crime priorities.*

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Bżonn ta' ftehim settorjali ġdid

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

### Ftehim kollettiv u settorjali

Bħalma wisq probabbli ħafna minnkom tafu, il-gvernijiet ilhom bosta snin li qabdu l-prassi li kull ħames snin jagħmlu ftehim kollettiv ġdid fejn fih ikun hemm indikat diversi kundizzjonijiet għall-ħaddiema taċ-ċivil, fosthom rinumerazzjoni fl-iskali, rati tas-sahra, *allowances* u ħafna oħrajn. Iżda apparti l-ftehim kollettiv taċ-ċivil li fih jinkorpora madwar 30,000 ħaddiem, diversi sezzjonijiet ta' ħaddiema li jaqgħu taħt iċ-ċivil jagħmlu ftehim settorjali għad-dipartiment tagħhom u dan jagħmluh peress li jkollhom ċirkostanzi partikolari fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Ma jkunx għaqli li jiġu diskussi dawn il-kundizzjonijiet speċifiċi waqt il-proposti ta' ftehim kollettiv għax f'dawn il-fora l-gvern irid jaħseb għall-ħaddiema kollha tiegħu, filwaqt li meta jiġi diskuss ftehim settorjali dan ikun iffukat fuq l-ammont ta' ħaddiema fid-dipartiment konċernat, li fil-każ tagħna nlaħħqu madwar 2,000 ħaddiem.

Fil-Korp tal-Pulizija saru żewġ speċi ta' 'ftehim settorjali' u dawn saru taħt it-titlu ta' *New Salary Structure and Conditions for the Police Force*. Wieħed sar fl-1993 u l-ieħor fl-2012, jiġifieri għaddew 19-il sena minn wieħed għall-ieħor. Dawn il-'ftehim settorjali' kellhom żewġ prinċipji fundamentali neqsin, l-ewwel wieħed li ma kienx diskuss mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-tieni li ma kellux terminu. Dwar l-ewwel punt peress li dak iż-żmien ma kontx involut b'ebda mod f'dan il-qasam, qed noqgħod fuq dak li jgħidu esponenti tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija li kienu involuti dak iż-żmien. Jingħad li la qatt ġew ikkonsultati u lanqas qatt ma ffirmaw tali ftehim, għaldaqstant jekk hu l-każ u m'għandix għalfejn niddubita dak li jgħidu, ifisser li l-gvern kien għamel ftehim miegħu nnifsu. Dwar it-tieni punt fejn jitratta dwar it-terminu ta' ftehim settorjali huwa imperattiv li jkollu data ta' skadenza u dan peress li l-ħajja mgħaġġla tal-lum qed tibdel iċ-ċirkostanzi kontinwament. Mhux bilfors dak li kien japplika ftit ta' żmien ilu għadu validu sal-lum u l-affarijiet jevolvu kontinwament. Ftehim kollettiv/settorjali jrid jinżamm ħaj billi jiġi emendat maż-żminijiet.

### Skali li mhux reali

L-aħħar 'ftehim settorjali' tal-2012 fih diversi kundizzjonijiet li kienu diġà inferjuri meta saru dak iż-żmien u naturalment għadhom inferjuri llum ukoll. Nibda biex insemmi l-iskali li l-membri tal-Korp kollha jinsabu fihom. Nibdew minn skala 14 (kuntistabbli flewwel sentejn) sa skala 2 (Kummissarju tal-Pulizija). Kif għidt darb'oħra l-iskala reali tagħna huma bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għal żewġ skali inqas millkumplament tal-ħaddiema taċ-ċivil u dan peress li s-sitt sigħat li naħdmu żejda fil-ġimgħa mhux riflessi fil-paga. Ma rridux ninsew il-fatt li filwaqt li ħaddiema oħra taċ-ċivil ilestu s-sigħat tax-xogħol u l-ġurnata lesta, bħala membri fil-Korp tal-Pulizija ma nistgħux nagħmlu hekk għax aħna Pulizija 24 siegħa kuljum u jekk issir xi illegalità u nsiru nafu biha obbligati nirrappurtaw minnufih jew nintervjenu anke jekk fil-ħin liberu tagħna.

### *Performance Bonus* għall-*High Ranking Officers*

Il-kunċett ta' *performance bonus* huwa kunċett tajjeb però għandu jsir b'mod ġust u bi kriterji stabbiliti. Irranks minn Supretendent 'l fuq huma eleġibbli sa 15% *performance bonus* fis-sena tal-paga bażika tagħhom u minn kif tkellmu magħna wħud minn dawn l-uffiċjali, ftit li xejn hemm trasparenza fil-mod kif isir dan l-assessjar. Dawn l-uffiċjali jrid ikollhom direzzjoni ċara ta' x'inhu mistenni minnhom u l-ħidma tagħhom għandha tkun ibbażata fuq kriterji stabbiliti. Jekk ma jkunx hemm trasparenza fil-mod kif taħdem tista' tipperikola li tkisser il-moral ta' dawn l-uffiċjali jekk ikun hemm xi sena li titnaqqsilhom il-*performance bonus*

mingħajr ma jkunu jafu x'kienet ir-raġuni. Għaliex le, wieħed għandu wkoll jikkunsidra li jitla' l-persentaġġ ta' dan il-*performance bonus* ladarba jkun hemm trasparenza assoluta fil-proċess.

### 'Special duty' allowance

Meta daħlet l-i'*special duty' allowance* kienet kontroversjali mill-ewwel. Dak iż-żmien kienet daqqa ta' ħarta oħra għal dawk il-membri tal-Korp li kienu stazzjonati fid-distretti. Diġà kien hemm il-'perċezzjoni' li l-Pulizija tad-distrett kienu trattati tat-tieni klassi meta kkomparat ma' dawk stazzjonati fil-branki u din l-*allowance* kienet il-konferma. Hawn mhux ser nidħol fil-mertu jekk aktar branki kellhomx ikunu intitolati għal din l-*allowance* għax illum hemm aktar skwadri li jagħmlu xogħol speċjalizzat, iżda bla dubju x-xogħol li jħabbtu wiċċhom miegħu l-Pulizija tad-distrett jixirqilhom kumpens xieraq.

### *Overtime* għar-rank ta' Spettur

Li Spettur tal-Pulizija ma jkunx intitolat għall-*overtime* kienet fost l-aktar kundizzjonijiet vili li hemm fil-'ftehim settorjali' tal-2012. Kulħadd jaf li bix-xogħol li jrid jagħmel Spettur tal-Pulizija mhux umanament possibbli jaħdem biss is-sigħat normali tax-xogħol tiegħu. Dan ir-rank jirrikjedi dedikazzjoni kbira jekk irridu li jkollna investigazzjoni ta' kwalità. Ħafna uffiċjali xorta waħda jagħmlu ammont ta' sigħat fuq il-ħin normali tax-xogħol u dan ifisser li jkunu 'l bogħod mill-familja tagħhom mingħajr mal-familja tibbenefika minn dħul finanzjarju addizzjonali.

### MOU bejn l-MPA u l-POU

Naturalment hemm ħafna aktar kundizzjonijiet x'jiġu mtejba, iżda nitkellmu dwarhom f'okkażjonijiet oħra. Fl-aħħar nixtieq ngħid li biex dan kollu nibdluh irridu nkunu lkoll flimkien u minkejja li aħna bħala POU u l-MPA ser nibqgħu unjins separati bi stili differenti minn xulxin urejna maturità li nkunu flimkien fin-negozjati għal ftehim settorjali ġdid. Nistgħu ma naqblux mil-liema triq ser ngħaddu, iżda żgur li naqblu dwar id-destinazzjoni li rridu naslu, ċioè dik li jkollna kundizzjonijiet aħjar għall-membri tal-Korp.

tvella@pou-gwu.org.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

Malta Police Association
Your Independent Union

### Lejn Ftehim Settorjali

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-proposti għall-Baġit 2017 imressqa mill-*MPA*, mill-ewwel jinnota li l-enfasi tal-*MPA* kienet fuq il-fatt li minkejja li ngħatajna d-dritt li nissieħbu ma' trejd unjin, ir-rappreżentanza tal-Pulizija għadha ma ġietx rikonoxxuta permezz ta' Ftehim Settorjali.

### Wieħed jistaqsi għaliex din l-enfasi kollha?

Sal-lum il-ġurnata, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Pulizija huma regolati prinċipalment minn tliet dokumenti – il-*Public Service Management Code* (PSMC), il-Ftehim Kollettiv għall-Impjegati fis-Servizz Pubbliku, kif ukoll id-*Document Regulating the Conditions of Service for the Police Force* (DRCSPF) tal-2012. Il-*PSMC* huwa ġabra ta' direttivi maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni u jirregola l-kundizzjonijiet ġenerali tas-servizz pubbliku kollu; il-Ftehim Kollettiv huwa ftehim bejn il-Gvern u l-Unjins prinċipali li wkoll jistabilixxi qafas applikabbli għas-servizz pubbliku kollu, filwaqt li d-*DRCSPF* jirregola speċifikament il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Pulizija. Tajjeb li hawn jiġi ċċarrat li d-*DRCSPF* ma jistax jitqies bħala Ftehim Settorjali, dan peress li fil-liġi, Ftehim Settorjali huwa ftehim maqbul bejn min iħaddem u r-rappreżentant tal-ħaddiema. Issa f'dan il-każ, ir-rappreżentant tal-ħaddiema qatt ma kien ġie kkonsultat, iżda kien sar dan id-dokument li ġie ffirmat mis-Segretarji Permanenti għall-Ministeru għall-Intern u l-Ministeru għall-Finanzi, Ekonomija u Investiment ta' dak iż-żmien.

Id-dritt li ngħatalna, fir-realtà ma jkun jiswa xejn jekk ma jsirx Ftehim Settorjali li jiġi negozjat mar-rappreżentant tal-ħaddiem. Għalhekk, l-*MPA* u l-*POU*, flimkien qablu li sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom kif ukoll sabiex ikun hemm vuċi għal kull individwu fil-Korp, ikun ma' liema unjin ikun, ikun fl-aħjar interess ta' kulħadd li pass bħal dan isir flimkien u b'mod konġunt. Dan sar permezz ta' Memorandum ta' Ftehim li ġie ffirmat bejn iż-żewġ unjins fit-18 ta' Ottubru 2016.

### Xi jkun fih Ftehim Settorjali?

In-natura tax-xogħol tal-Pulizija tant hi unika li diffiċli li wieħed jikkumparaha ma' setturi oħrajn. Huma l-Pulizija stess li jistgħu jifhmu dawn iċ-ċirkostanzi partikolari.

L-użu ta' Ftehim Settorjali huwa sabiex dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi li huma uniċi għall-Pulizija jkunu jistgħu jiġu ndirizzati aħjar. Sfortunatament sal-lum, l-anqas id-*DRCSPF* ma jipprovdi għalihom. Apparti minn hekk, Ftehim Settorjali normalment jipprovdi għall-kundizzjonijiet aktar vantaġġjużi minn dawk ġenerali. Għall-kuntrarju ta' dan, fil-każ tad-*DRCSPF*, f'ħafna istanzi jagħti kundizzjonijiet inferjuri minn dawk li jistipula l-*PSMC*.

Dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi ma jittiħdux bħala miżuri għall-Baġit Nazzjonali. Huwa għalhekk li l-enfasi kienet proprju fuq li tiġi rikonoxxuta r-rappreżentanza tal-ħaddiem, sabiex imbagħad inkunu nistgħu mmorru għan-negozjar.

### X'Ser jindirizza dan?

Żgur li l-ewwel punt li se jitpoġġa għad-diskussjoni se jkun in-numru ta' sigħat li aħna naħdmu – is-46 siegħa. M'hemmx għalfejn nidħlu wisq fid-dettal dwar dan għax ilna nitkellmu dwaru. Sal-lum, l-*MPA* kellha laqgħat kemm ma' rappreżentanti tal-gvern (inkluż mal-Prim Ministru s-sena li għaddiet) u kemm mal-oppożizzjoni. Minkejja li kulħadd qed jirrikonoxxi li din l-anomalija hemm bżonn li tiġi ndirizzata, fir-realtà, ħadd m'għadu kkommetta ruħu kif din tista' tiġi ndirizzata. Hawn tajjeb li wieħed jispjega li verament hemm dak li nkunu nixtiequ aħna, iżda hawn qed nitkellmu fuq negozjati u negozjati ma jsirux billi wieħed jitlob u jingħatalu, iżda billi tinstab soluzzjoni li tista' titħaddem. Irridu li l-Pulizija jkollu kemm ħin ta' mistrieħ adegwat u għaldaqstant ikompli min-numru ta' ġranet *leave* adegwat, kif ukoll li jekk jista' jkun il-Pulizija jżid id-dħul tiegħu. Dan ikun mument opportun fejn wieħed jesplora l-possibiltà ta' reviżjoni tal-iskali li jkun jirrifletti l-irwoli tal-Korp tal-Pulizija fid-dinja tal-lum.

L-*MPA* qed titlob ukoll li jkun hemm *allowances* li jirrikonoxxu u jindirizzaw l-isfidi ta' kull sezzjoni – inkluż id-Distretti. Apparti dan, anki bħala parti mill-programm sabiex tinżera l-motivazzjoni fil-membri tal-Korp, l-*MPA* qed tissuġġerixxi (ladarba jkun hemm fis-seħħ sistema ta' *Performance Appraisal* tajba u trasparenti) illi kull persuna tiġi premjata għall-isforzi u avvanzi tagħha. Dan iservi ta' inċentiv jekk irridu naraw aktar ħeġġa għal-produttività u *Continuous Professional Development* fil-Korp.

L-*MPA* għandha fuq l-aġenda tagħha wkoll li tiġi ndirizzata l-anomalija meta persuna tkun xogħol barra minn Malta u jekk tkun frank u ma tinzertax festa pubblika din ma titħallasx. Żgur li punt importanti ieħor ikun li ssir reviżjoni tal-*Overtime Grades* sabiex għallinqas ikunu jirriflettu l-iskali ekwivalenti tagħhom fis-servizz pubbliku.

Il-lista ta' dak li għandu jiġi ndirizzat hija twila u mhux possibbli li f'artiklu titkellem dwar kollox għax wieħed hawn jista' jaqbad il-*PSMC* u jduru klawsola klawsola u jara x'hemm minn dawn il-klawsoli li hemm bżonn adattament tagħhom għall-Pulizija.

Il-mixja hija twila u t-triq ħafna drabi titħarbat xi ftit f'dawn is-sitwazzjonijiet. Iżda issa li ż-żewġ unjins qed jingħaqdu flimkien għal dan l-għan, nemmnu li l-enerġija tagħna tista' tkun iffukata fuq dak li huwa realment l-aktar sostanzjali – il-Ftehim Settorjali.

Fl-aħħar nett, minn qalbna nawguraw Milied ħieni lil kull wieħed u waħda minnkom, kif ukoll sena mimlija riżq u ġid.

Komplu segwuna fuq il-*website* tagħna http://www.mpa.org.mt u fuq il-paġna ta' Facebook https://www.facebook.com/MaltaPoliceAssociation.

http://www.mpa.org.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

I would like to commend Sgt. Simon based at M'Scala police station for his commitment and professionalism in assisting me recently. Even though mine was a minor complaint, he took great interest in assuring that my complaint would be taken care of. Unfortunately I didn't get hold of his surname or service number. Appreciate if his direct superiors are made aware of his attributes. Definitely a great asset to the Police Force. Keep up the good work.

I WOULD LIKE TO THANK AND SHOW MY APPRECIATION TO MADAME MAUREEN TARPEY (WPC OFFICER) WHO IS SITUATED IN THE LICENSING OFFICE AT PHQ. I MADE A SMALL VISIT TO PICK UP SOME DOCUMENTS AND REALLY LIKED THE WAY SHE HELPED ME OUT, HER SERVICE WAS PROFESSIONAL AND WITH A SMILE TOO. IT IS SO NICE TO SEE SUCH DEDICATED OFFICERS, NOT JUST TOWARDS THEIR UNIFORM BUT TOWARDS OUR SOCIETY. THERE ARE 3 FEMALE OFFICERS IN THIS SAME SECTION AND THEY ASSIST YOU IN THE MOST PROFESSIONAL WAY, THANKS TO YOU ALL WE MALTESE ARE HONOURED WITH YOUR SERVICE DEAR OFFICERS.

Dear Commissioner,

I would very much like to commend the diligent and rapid investigative action of Inspector Silvio Magro and Sargent Hadrian Sultana of the Airport Police Station following the theft of my suitcase which took place at the airport on the 23rd August, 2016. Inspector Magro and Sargent Sultana were able to discover the cause of the loss, identify the robbers who stole the suitcase from the carousel at the arrival lounge and tracked them down. Thanks to them, within a couple of weeks I was able to recover all my personal belongings which contained many items of family sentimental value.

Please may I convey my thanks to them and to all the members of the police force who supported them in this action.

Yours sincerely,

Nixtieq b' dawn l – erba' kelmiet li qed nikteb nirringrazzja mill-qalb lil tlett membri tal-Korp li huma PS 1350 Chris Xuereb, PC 1136 Nathan Cini u PC1366 Carol Cefai għaliex nhar id- 19 ta' Gunju waqt li kelli bżonn l-ghajnuna assistewni fil- pront fejn issugraw hajjithom kontra l- elementi tal- baħar qawwi fic- Cirkewwa .

Jiena bhala ex- membru fil – Korp tal – Pulizija naf li minn żmien għal żmien tinqabad f' ċirkustanzi li tissogra ħajtek għall- ħaddieħor waqt li tkun ħrigt mid- dar biex taqla' l- ghejxien għall- familja. Din id- darba kont jien li kelli bżonn l- għajnuna u sibt lil dawn il – membri li b' mod professjonali għal aħħar qdew dmirhom sew u taw l- għajnuna lili personali u lil dawk li bħali nqabdu f ' sitwazzjoni fejn konna se ningarru mill- kurrent qawwi tal- baħar.

Grazzi mill- qalb għall- lealta li' wrew lejn il-ġurament li ħadu.

I would like to thank you, WPC 60, PC 823 and the police officers from the Zejtun police station for their great work in protecting our client from Dar Merhba Bik who went to her son's Holy Communion Ceremony.
Everything was very well organized and the police were very prompt to intervene ensuring that the client and her son enjoyed this very important Ceremony.

Thanking you all once again, it is much appreciated.

Regards

The Domestic Violence Unit
Agenzija Appogg

This morning I had a car crash and a very kind Traffic Policeman by number 1028 came to my assistance. He was exceptionally nice, efficient with excellent accident scene savoir fair. Please pass on my appreciation & thanks.

Nixtieq nirringrazzja lil pulizija tal-ghassa ta' tas-sliema tal-ghajnuna. Kienu xi 1.15pm meta cempilt, ghax mill-ewwel sabu lil min ipparkjali quddiem il-bieb tal-garaxx. Prosit tax-xoghol.

Nixtieq nghid Grazzi kbira lis-surgent St. John li kien il-ground nazzjonali u lil wahda mara (ma nafx min hi) wara li jien tlift il-kartira u din il-mara ta qalb tajba tat il-kartira lis-surgent u surgent ghamel kuntatt mieghi. Grazzi
Ps il-kartira bil-flus kienet go fija u hekk tawili lura. Fadal nies ta' qalb tajba.

Would like to thank Sergeant Kevin from B'Kara police station for solving the case within the hour from report, of an unknown driver who crashed into our boundary wall earlier this morning. NOBODY was hurt in the accident and safety precautions are being applied until wall is reinstalled!

I would really love to comment on the incredible service and attention to detail not to mention the professionalism of WPC 353 and WPC41. Thank you both in assisting me with a delicate and difficult situation.

Thanks to all the Police Force in performing your difficult day to day tasks!

Liberté • Égalité • Fraternité
RÉPUBLIQUE FRANÇAISE

Ambassade de France
à Malte

Valletta, September 12th 2016

To whom it may concern

On Sunday, September 4th 2016, I was unfortunately the victim of a light faintness while leaving the Embassy of France, at the beginning of the evening. As I badly fell on the floor, I needed emergency cares.

PC 1144 immediately drove me to Floriana Health Center, stayed there while I was taken care of, and drove me back.

I would thus like to offer my warmest thanks to this officer who has been taking care of me with such professionalism, dedication and kindness.

# Pulizija, politiċi, għall-ogħla karigi kostituzzjonali

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Ikolli ngħid li mhijiex xi ħaġa daqshekk komuni, anki storikament, li membru tal-Korp tal-Pulizija, wara li jkun serva lil pajjiżu f'din l-istituzzjoni importanti, jintriga sabiex jidħol fil-qasam politiku attiv; jiġi eletti fil-Parlament, sa ma' wkoll jilħaq fl-ogħla karigi kostituzzjonali ta' pajjiżna.

Fil-fatt, żewġ membri minn ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta li kienu jagħmlu parti mill-Korp, daħlu fil-politika u laħqu wkoll fl-ogħla karigi kostituzzjonali. Insibu li Dr Anton Buttigieg LL.D., kien serva fil-Korp bejn l-1942 u l-1944 bħala spettur, daħal fil-politika u kien membru parlamentari sa ma laħaq ukoll President ta' Malta.

Dr Anġlu Farrugia LL.D., serva fil-Korp bejn l-1977 u l-1996 bħala spettur, kif ukoll bħala supretendent. Daħal fil-politika u kien membru parlamentari. Illum l-*iSpeaker* tal-Kamra tad-Deputati.

Anton Buttigieg kien daħal fil-pulizija bi grad ta' spettur, fl-eqqel żminijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija. Hu kien jistudja l-liġi u sar avukat, iżda minħabba regoli tal-lieva, skont liġijiet ta' emerġenza, kien sab ruħu fis-servizz bħala spettur tal-pulizija meta kellu 30 sena. Wara l-gwerra, imbagħad għamel xi żmien jaħdem bħala ġurnalist tal-qorti mat-*Times of Malta*. Kien ukoll editur ta' ġurnali lokali sal-1970. L-ewwel dehra li kellu fil-politika kienet mal-Partit Kostituzzjonali ta' Strickland fl-1951. Imbagħad, fl-1962 ikkontesta mal-Partit Laburista fejn kien ġie elett u nħatar ukoll bħala deputat mexxej u viċi Prim Ministru. Fl-1967 għal erba' snin, kien ukoll viċi President fl-Assemblea tal-Kunsill Ewropew. Hu kien baqa' jikkontesta u jiġi elett sa ma nħatar bħala t-tieni President tar-Repubblika fis-27 ta' Diċembru tal-1976 wara Sir Anthony Mamo, liema kariga serva fiha sal-1982. Kien miet is-sena ta' wara fil-5 ta' Mejju tal-1983 fl-età ta' 71 sena. Ma tistax issemmi lil Anton Buttigieg u ma ssemmix il-parti letterarja tiegħu. Magħruf ukoll bħala l-poeta tan-natura, minħabba l-imħabba li kellu għan-natura u l-għadd ta' poeżiji li kiteb dwarha fosthom insemmi l-poeżija 'Lellux' li hija poeżija tassew ħelwa u indikattiva għal dan il-ġeneru tiegħu. Iżda waħda mill-isbaħ poeżiji tiegħu, li saret ukoll bħala klassika fil-Letteratura Maltija għall-fatt li hija poeżija sempliċi, qasira, iżda effettiva u li għandha wkoll rabta paragunali mal-poeta, hija 'Il-Kebbies tal-Fanali', b'lirika mill-isbaħ u magħżula sabiex tagħti indikazzjoni tajba tal-qagħda ġewwinija tiegħu. Żgur li meta kitibha kien għaddej minn xi mument ta' kriżi; aktarx li f'xi żmien meta ma kienx f'saħħtu biżżejjed kif jindikaw il-versi tagħha.



Anġlu Farrugia kien daħal fil-Korp tal-pulizija fl-età ta' 22 sena, bi grad ta' spettur. Tista' tgħid li mill-bidu tal-karriera tiegħu kien wera li daħal għal din il-missjoni b'dik iċ-ċertu ħeġġa u interess. Tant hu hekk, li kien għadu biss fl-ewwel ftit xhur tal-karriera tiegħu li kien ġie mfaħħar pubblikament f'artiklu taħt it-titlu 'Att ta' min ifaħħru' minħabba li f'April tal-1978, wara investigazzjoni mmexxija

minnu, żewġ żgħażagħ kienu tressqu quddiem il-qorti, akkużati li kkommettew diversi serqiet minn propjetajiet u residenzi f'Tas-Sliema, Birkirkara u f'xi nħawi tagħhom. Din l-investigazzjoni tmexxiet minn dan l-iSpettur li, għalkemm kien għadu fil-bidu tal-karriera tiegħu, wera ħerqa u ħila kif ukoll dedikazzjoni għax-xogħol tiegħu bil-mod ta' kif mexxa l-istħarriġ dwar il-każ li wassal għal dan ir-riżultat; li mhux biss għamel isem sabiħ lill-korp li kien għadu kif ingħaqad miegħu, iżda l-ġid lis-soċjetà nfisha. Hu kien studja wkoll fiż-żmien li kien għadu fil-grad ta' spettur u gradwa ta' avukat. Dr Farrugia kien li introduċa wkoll is-sistema ta' *Neighbourhood Watch* f'pajjiżna fil-bidu tad-disgħinijiet. Daħal fil-politika għall-ewwel darba mal-Partit Laburista u wara li kkontesta fl-Elezzjoni Ġenerali ta' Ottubru tal-1996, hu kien ġie elett. Sa minn dak iż-żmien, kien baqa' jitla' fil-Parlament. Fl-2008 kien ikkontesta wkoll għal kariga ta' deputat mexxej, fejn kien ġie elett u okkupa wkoll din il-kariga sal-2012. F'dan il-perjodu ta' żmien hu kien serva wkoll bħala *Chairman* f'kummitati, fosthom dwar l-abbozzi tal-liġijiet fil-Parlament, kien rappreżentant ta' Malta f'diversi pajjiżi f'Assemblei, Kummissjonijiet, Kummitati u laqgħat. Kien ukoll osservatur internazzjonali f'diversi pajjiżi waqt Elezzjonijiet Ġenerali u dawk Presidenzjali. Illum, Dr Anġlu Farrugia huwa l-*iSpeaker* attwali tal-Kamra tad-Deputati sa mill-2013.



joseph.q.borg@gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK




Aiyana Hamer
6 snin

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

# Ix-Xogħol tal-Pulizija u l-Familja

minn Stelmart Khalil - ESP Unit Co-Ordinator Employee Support Programme Unit

Ix-xogħol tal-pulizija u kif jaffettwa l-familja tal-istess pulizija huwa suġġett kumpless ħafna. L-irwol tal-uffiċjali tal-pulizija huwa li jipproteġi u jipprovdi sigurtà lill-persuni vulnerabbli fis-soċjetà. Madanakollu, meta uffiċjal jara persuni għaddejjin minn sitwazzjonijiet diffiċli fuq bażi regolari, dan jista' jikkawża effett negattiv fil-ħajja tagħhom.

Meta pulizija jiġi mitlub biex imur fuq il-postijiet tar-reati - inċidenti tas-sewqan, abbuż fuq minuri kif ukoll riskji ta' konfrontazzjonijiet fiżiċi, hemm ċans kbir li dawn is-sitwazzjonijiet kollha jikkawżaw għejja kemm emozzjonali kif ukoll fiżika. F'ħafna sitwazzjonijiet diffiċli li l-pulizija jiltaqgħu magħhom ikunu jirrikjedu livell għoli ta' dixxiplina fuq l-emozzjonijiet tagħhom; xi ħaġa diffiċli ferm li tagħmel f'sitwazzjonijiet stressanti jew trawmatiċi. Meta dawn l-uffiċjali jiġu esposti b'mod repetittiv għal dawn is-sitwazzjonijiet negattivi, is-saħħa fiżika kif ukoll dik psikoloġika tista' tkun affettwata. Din tista' tħalli impatt fuq il-ħajja personali tagħhom kif ukoll fuq tal-familjari tagħhom speċjalment fil-mod tal-kwalità ta' ħajja li jgħixu ma' wliedhom.

Jista' jagħti l-każ li minħabba li pulizija huwa espost għal diversi tbatijiet, jibda jissottovaluta l-problemi ta' wliedu jew tal-familja għax iqabbilhom mal-problemi tat-tfal jew il-familji l-oħra li jkunu fi stat ta' ħafna iżjed bżonn. Dan il-fattur jista' jkun ta' xkiel għall-familja. Għalhekk huwa importanti li bħala ġenitur, tieħu l-ħin neċessarju biex tieqaf tismagħhom u tara x'qiegħed jinkwetahom, l-iktar meta taf li t-tfal tiegħek ikunu daru lejk u talbu l-għajnuna u s-sapport tiegħek.

Li lil uliedek tgħinhom jirrealizzaw xi problemi kbar jeżistu fis-soċjetà ta' hemm barra, ma jfissirx però li l-problemi tagħhom huma inqas sinifikanti minn ta' ħaddieħor. Tista' tuża l-esperjenzi tiegħek li tiltaqa' magħhom fil-qadi ta' dmirijietek biex tgħallem lil dawn it-tfal lezzjonijiet ta' kif wieħed għandu jġib ruħu u twissihom fuq il-perikli kbar li jinsabu barra mill-kumdità ta' darhom. Pereżempju, tista' titkellem magħhom dwar il-perikli u r-riskji jekk huma jinqabdu jixorbu u jsuqu jew jieħdu d-drogi. Min-naħa l-oħra tifel ta' madwar tmien snin jista' ma jkollux interess jew jista' jsibha diffiċli jifhem il-kunċett ta' drogi u alkoħol. Però, għalih ikun iktar faċli li jifhem aħjar suġġetti bħal serq, u li ma jitkellimx ma' persuni li ma jafhomx.

Pulizija li jkun espost għal sitwazzjonijiet diffiċli jsir aktar protettiv fuq il-familja tiegħu. Waqt li ċertu mġiba hija aċċettabbli bħala parti mill-irwol tal-pulizija, din l-imġiba tista' ma tkunx f'postha meta tintuża fil-familja. Ħafna drabi, dan jiġri mingħajr mal-pulizija jinduna u juża din l-imġiba fil-ħajja privata, u fil-fatt din tista' tħalli impatt negattiv fuq il-familja. Meta l-pulizija jippruvaw jipproteġu lill-familja tagħhom jistgħu ma jirrealizzawx li jkunu qed jesaġeraw, bħal meta pereżempju jkunu jridu jafu l-lokalità fejn qiegħed u l-ħin eżatt ta' meta xi ħadd mill-familja ser jirritorna d-dar. Dan jista' jwassal biex il-membri tal-familja jħossu nuqqas ta' fiduċja, meta fir-realtà l-pulizija jkun qed jaġixxi b'intenzjoni li jipproteġi l-istess familja tiegħu. Il-familja tista' wkoll tibda tħoss li qed tkun ikkontrollata żżejjed. Din il-protezzjoni żejda fid-dar tista' tiġi espressa f'żewġ modi. L-ewwel tip ta' protezzjoni żejda tkun deċiżjoni li 'ma ngħabbix'

lill-familja bit-tħassib u l-biżgħat relatati mal-kwistjonijiet tax-xogħol. Din l-imġiba tista' tiġi interpretata bħala nuqqas ta' interess u preżenza fil-familja. It-tieni forma ta' protezzjoni żejda hija restrizzjoni estrema kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi bil-biża' li dejjem ħa jiġri xi ħaġa ħażina. Din it-tip ta' mġiba fuq il-familja tista' twassal għal ħafna rabja u frustrazzjoni.

Barra minn hekk peress li n-natura tax-xogħol tal-pulizija hija waħda ta' dixxiplina, din jaf ikollha effett negattiv fuq il-familja. Fl-ambjent tax-xogħol li l-pulizija jaħdem fih, hija komuni li jekk wieħed jesprimi rabja jew nuqqas ta' qbil fuq xi deċiżjoni li tkun ittieħdet, din tista' tiġi interpretata bħala nuqqas ta' ubbidjenza. Peress li ħafna mill-ħin l-uffiċjali tal-pulizija huma mitluba li jobdu l-ordnijiet tas-superjuri tagħhom, tiġri spiss li fi djarhom jagħtu l-ordnijiet lill-membri tal-familja u jippretendu li dawn jobduhom.

Għalhekk huwa importanti li sitwazzjonijiet bħal dawk imsemmija hawn jiġu indirizzati kemm jista' jkun mill-bidu biex is-sitwazzjoni fil-familja ma tiddeterjorax. Komunikazzjoni miftuħa tagħti ċans biex jiġu indirizzati dawn is-sitwazzjonijiet. Tajjeb ukoll li ssib ħin regolari biex tkun preżenti u rilassat mat-tfal u mal-familja. Jekk tixtieq iktar għajnuna u gwida fuq sitwazzjoni partikolari tajjeb li titkellem ma' xi ħadd professjonali li jista' jgħinek.

Għal iktar informazzjoni u sapport jew jekk tixtieq tagħmel appuntament, tista' tikkuntattja lill-*Employee Support Programme* fuq 2200 1210 jew fuq esp.opm@gov.mt jew żur il-websajt www.esp.gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Għotja mid-ditta *Wilkinson* lill-membri tal-Korp tal-Pulizija

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Kull min mar jiġbor l-uniformi mill-*Quarter Master* jingħata xafra *Hydro 5 Sensitive* tad-ditta *Wilkinson* li ġentilment ġew mgħotija lill-Korp tal-Pulizija grazzi għas-Sur Liam Bondin, *Deputy Marketing Manager* għal *Miller Distributors*, sabiex dawn jitqassmu lil kull membru tal-Korp.



Filwaqt li nirringrazzjaw lis-sur Bondin u l-kumpanija *Miller Distributors* għal dan il-ġest, inħeġġu lil dawk il-membri li għadhom ma ġabrux ix-xfafar sabiex imorru fil-ħinjiet indikati għand il-*Quarter Master*.

magazine.police@gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Dear all,

On behalf of the Fondazzjoni U team we would like to thank the St. Julian's police station for their commendable support yesterday – without which – the event would have not been successful – and certainly not as safe and secure. Kindly forward our most candid thanks to Major Bartoli and Sergeant Mercieca.

A big "Well done" to the young police constable today at around 3 pm, near the American Embassy Residence, H'Attard. He was directing traffic as another WPC constable was writing details of a collision between a bus and two cars. The constable noticed another bus approaching with the driver talking on his mobile phone. He flagged him down, boarded the bus and took his particulars. The reaction of the bus driver? "U ejja police" What cheek! Well done police constable

Dear Mr Cutajar,

I would like to thank you for all the assistance provided by Superintendent Alexandra Mamo and the officers at the Sliema Police Station on the occasion of Italy's National Day which was celebrated at my Residence in Ta' Xbiex on 2nd June.

With renewed thanks for your valuable support.

Thank you Police Force who rescued my mum for an attempted break in early hours in the morning.

She was at home and thanks to her dogs who barked so much to wake her up to show her that someone was trying to break in, she managed to call the police on time.

Hopefully she will recover soon from her shock.

Insp Caruana

With reference to forensic inspection being carried out on my son's vehicle in subject caption I would like to extend our appreciation for the good service been given by some of your officers we came across PC 1331 Darren Debattista & WPC 363 Caroline Mielak.

In the morning of 4th February I met two male officers who guided me for investigations to be carried out.

Later on that same day, on a cold, windy evening, another two officers, one being a male and another being a lady with curly hair carried out the actual inspection on the vehicle.

They all carried out their job diligently and in a very well-mannered way.

Please pass on our praise and appreciation for their commitment to their duties.

Last but not least we would like to thank you for your good guidance in the matter.

To whom it may concern,

On behalf of St. Joan Antide School, Gudja we would like to thank SM D. Camilleri and PC 475 E. Farrugia for visiting our school. The event was successful and the kids learned and enjoyed themselves.

Dear all,

Thanks ever so much for allowing us to visit the Dog and the Mounted section. The teenagers were very interested and then got some ideas on the variety of police missions.

We've been as well at the police museum and it was interesting as well.

Best Regards

Sergeant Magri,

May we firstly thank you and the Dog section to make it possible to give the demonstration and display to our Cub Scouts during this National Event which hosted about 500 in all.

Secondly, both personnel Briffa and Muscat who were outstanding and showed professionalism during their display.

Finally, we thank you all for your support and keep up the good work.

COMMENTS: I WOULD LIKE TO COMMEND THE EFFICIENT POLICE WORK OF OFFICER WPS 7 AND PC 12461 CECIL ST. JOHN BIRZEBBUGIA POLICE. THEY ACTED FAST AND WITH ADMIRABLE PRECISION TO SOLVE MY PROBLEM WITH MY CREDIT CARDS' UNAUTHORIZED USE. I ALSO MUST COMMENT ABOUT THE CARE THAT ALL OTHER POLICE OFFICERS TOOK ABOUT MY CASE, COMING TO THE HOTEL TO SEE ME AND GOING TO THE PREMISES OF THE STORE WHERE THE CARDS WERE USED. I THINK THE MALTESE POLICE FORCE IS A GOOD EXAMPLE FOR THE OTHER EU POLICE FORCES AND ALSO IN THE USA.

MANY THANKS TO ALL!
WITH IMMENSE GRATITUDE

PC 1002 Alfred Sciberras
Good evening, I wish to express my gratitude to the traffic police officer who was on duty yesterday 19th May, in the morning in the St. Julian's area. My car stopped just after the tunnels. He stopped with his bike and looked at my car and helped me out. I just want to thank him for all his assistance and help. Unfortunately I did not get his police number, but he was a middle aged gentleman with a mustache on a police motorcycle. I am greatly thankful and grateful for his help. Would appreciate that this message is passed on to him. Thank you.

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Dear Sirs,

On behalf of the Chairperson, Committee and Members of the Royal British Legion St. Paul's Bay Sub Group may I offer our sincerest thanks for the excellent and informative visit to the Police Museum we enjoyed on the 5th May 2016.

Sergeant Falzon's enthusiasm and dedication to her role as curator was clearly evident and our members thoroughly enjoyed the guided tour.

Once again our grateful thanks.

---

Big big thanks to the Police Station in Qormi PS 274 James Turner. Some time ago my Mother had an accident with her rental car in Marsa next to the Tennis court. The horse started to panic on the road and hit our car. Horse driver said that he is gonna get the horse to the garage (as he couldn't control it) and will come back, but he disappeared of course… For us it was a big shock because we had to pay a fine (which is very high for rental cars in Malta) to the rental company ourself coz this was 'Hit and run' case and it was already second time for the month. We called to the police and went to Qormi police station where kind police man wrote a report and told us that tomorrow they are gonna check cameras from the restaurant where this accident happened. After around 1,5 – 2 weeks police found that man who hit our car and left. So the rental company dealed with him about the car repair.

We really appreciate and thankful for the job this police man did! For us, foreign people, 'it is very important to know that we can get help. Grazzie Hafna! And take care of yourself on the roads.

---

Lil min tikkonċerna

F'isem il-membri tal-istaff u l-istudenti tal-Form 5 tal-Iskola Sekondarja tan-Naxxar fi ħdan il-Kulleġġ San Nikola nixtieq nuri l-apprezzament tagħna għall-mod professjonali kif PC 599 Clive Mangion u WPS 238 Monica Chircop mexxew taħdita għall-istudenti tagħna nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Marzu. Nassigurak li l-messaġġ twassal tajjeb ferm kemm b'eżempji u anke b'xi oġġetti li ġabu magħhom biex juruhom lill-istudenti. Huwa b'taħditiet effettivi bħal dawn li nistgħu nsaħħu l-ġlieda tagħna kontra numru ta' vizzji li jagħmlu ħsara liż-żgħażagħ tagħna. Grazzi ħafna tax-xogħol tagħkom.

Steve Mifsud
Kap tal-Iskola

---

Dear Sir, On the late evening of 08/04/2016 I lost my wallet which I held my credit card and other personal identification in it. I tried to contact the HSBC call centre but this was after 2000 hrs which the latter was closed. However on my way home I stopped at Zabbar Police Station to file a report regarding this issue and explaining to the Officers what happened and that I was worried and could not contact the Bank call centre so as to block my credit car.
In this instant one of the Officers calmly guided and informed me with an emergency telephone number regarding this matter which I did leaving my mind at rest.
However I would like to thank these Officers who were on duty stationed at Zabbar Police Station namely PS 624, PC 558 PC 737 for their prompt help when I went to file the report.

---

Għażiż Kummissarju,

Ftit żmien ilu nagra mhux ħażin b'kif kont għaddejja minn Ħal Lija bil-karozza tiegħi, ta' warajja daħal go fija u niżel jagħmel għalija u jgħajjat miegħi avolja kelli t-tifla miegħi. Dak il-ħin inżertat għaddejja karozza tar-Rapid Intervention Unit u l-pulizija mill-ewwel niżlu biex jikkalmawh. Baqgħu magħna u, peress li kellna mmorru l-għassa ta' B'Kasa, saqu warajna u ġew magħna l-għassa.

Qed niktiblek biex nirringrazzja minn qalbi lil PC 942 u PC tal-għajnuna tagħhom.

Nieħu okkażjoni biex ngħidlek kemm bionn li l-pulizija tkun fit-toroq speċjalment b'dan l-ammont ta' barranin li qed ikun hawn.

Grazzi tal-ħidma kontinwa tal-Kap kollu.

Għażżeni do ma' ktibtil

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

## AVVENIMENTI u INFORMAZZJONI

*Malta Employees Sport Committee* - M.E.S.A.

### Futbol, Atletika u *Table Tennis*

Kull sena l-*Malta Employees Sport Committee*, magħrufa wkoll bħala MESA, torganizza diversi kampjonati ta' dixxiplini differenti tal-i*sports* sabiex toħloq għaqda sportiva bejn l-entitajiet Governattivi u dawk privati. Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta jipparteċipa f'diversi dixxiplini sportivi u fl-istaġun li għadda, 2015/2016, it-tim "A" tal-Pulizija fil-qasam tal-futbol rebaħ il-kampjonat tal-MESA tat-Tieni Diviżjoni u b'hekk l-imsemmi tim ġie promoss għall-Ewwel Diviżjoni. Il-mertu jmur għat-tim kollu għax vera ħadem u stinka sabiex iġib riżultati xierqa u meritati. Ma nistgħux ma nsemmux lil PC123 Roderick Vassallo li skorja għaxar (10) gowls għat-tim u dawn kienu strumentali sabiex jieħu l-unur tal-aqwa *skorer* tal-kampjonat.

Min-naħa l-oħra, it-tim "B" tal-Pulizija fil-qasam tal-futbol ukoll ħadem u stinka, iżda r-riżultati miġjuba ma kinux biżżejjed sabiex ikun promoss għall-Ewwel Diviżjoni. Imma bl-imġiba nadifa u sportiva li dejjem urew waqt il-logħbiet, irnexxielhom jirbħu l-unur u t-trofew ta' kondotta nadifa tal-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni.

Unuri oħra fil-kampjonati MESA ntrebħu minn PC376 Andrew Grech, li ħa l-unur tal-aqwa atleta fil-kategorija tal-atletika, kif ukoll PS185 Roger Mifsud li ġie fit-tieni post fil-kampjonat tat-*table tennis* individwali.

Il-Kumitat Sportiv tal-Korp tal-Pulizija juri l-apprezzament tiegħu lil dawk il-Pulizija kollha li jipparteċipaw ta' kull sena fil-kampjonati organizzati mill-MESA u jispera li kulħadd ikompli juri d-determinazzjoni fid-dixxiplina sportiva tagħhom ħalli nkomplu nġibu l-unuri u t-trofew fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

### Ġirja ta' 5km fil-bypass tal-Imtarfa

Fit-28 t'Ottubru 2016, il-*Malta Employees Sport Committee* organizzat tiġrija ta' ħames (5) kilometri fil-lokalità tal-Imtarfa, li fiha ħadu sehem tmien (8) membri tal-Korp tal-Pulizija. It-tiġrija kienet waħda kompetittiva bejn PC376 Andrew Grech u Mario Grech mid-Dipartiment tal-Forzi Armati ta' Malta (AFM), fejn PC376 Andrew Grech spiċċa fit-tieni post b'ħin ta' 16'44".

Il-parteċipanti l-oħra ġabu wkoll riżultati tajba tant illi meta ġew magħduda l-ħinijiet tat-timijiet minn kull entità u/jew Dipartiment, il-Korp tal-Pulizija kklassifika fit-tieni post. PC 418 John Rapinett ukoll wera illi kien kapaċi jikkompeti ma' parteċipanti ferm iżgħar minnu u b'ħin ta' 18'39" ikklassifika fis-seba' (7) post fil-kategorija tal-*overall ranking* u fit-tielet post tal-kategorija tal-irġiel tal-età bejn 36 u 45 sena.

Bħala Kumitat nifirħu lill-parteċipanti kollha li ħadu sehem f'din l-ewwel tiġrija tal-istaġun u nawguraw aktar suċċessi fil-futur.

# Parteċipazzjoni f'attivitajiet oħra sportivi

## *DHL Plane Pull* organizzat għall-ġbir ta' fondi b'risq PUTTINU CARES

Nhar il-21 ta' Settembru 2016 saret l-attività b'għan filantropiku b'risq PUTTINU CARES. Bħalma wieħed jista' jara mill-*poster* tal-attività, l-attività kkonsistiet fi sfida sabiex grupp ta' persuni flimkien imexxu ajruplan tad-DHL għal tul ta' għoxrin (20) metru.






Bl-inizjattiva tal-iSpettur Jonathan Ransley, ġie rriservat il-ħin ta' siegħa u nofs f'din il-ġurnata sabiex dawk il-membri interessati li jieħdu sehem, ikunu assigurati post ta' parteċipazzjoni.

Il-Kummissarju tal-Pulizija approva l-parteċipazzjoni għal din l-attività li fiha ħadu sehem diversi membri tal-Korp tal-Pulizija.

Għal din l-attività, kienu preżenti l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali s-Sur Carmelo Abela flimkien mas-Sinjura Abela, is-Supretendent Alexandra Mamo u l-President tal-Kumitat Sportiv l-iSpettur anzjan Raymond Aquilina.

Is-somma miġbura min-naħa tal-Pulizija li pparteċipaw f'din l-attività, kif ukoll flus oħra li nġabru mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali ammontaw għal €405.

Il-Kumitat Sportiv jirringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem u jispera li għall-attivitajiet futuri l-parteċipazzjoni tikber.

## Volleyball Social League tournament għall-ħtiġijiet tad-Dar tal-Providenza

Nhar it-3 ta' Settembru 2016, *The Employee Health and Well Being Unit* fi ħdan l-Isptar Mater Dei, bl-għajnuna tal-*Malta Volleyball Association*, bħassena ta' qabel organizza l-*Volleyball Social League Tournament* għal għan filantropiku favur id-Dar tal-Providenza. Il-Korp tal-Pulizija ħa sehem bit-Tim tal-*Volleyball* li kien iffurmat minn SM860 Keith Caruana, PS266 Stefan Decelis, WPS293 Michelle Camilleri, WPC294 Claire Scerri u WPC275 Francesca Cassar. It-tim kien jagħmel parti mill-

**INTENTIONALLY
LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

għaxar timijiet li ħadu sehem f'dan it-*tournament*. L-atmosfera kienet waħda sportiva fejn kulħadd wera ħeġġa u motivazzjoni kontinwa li jagħti s-sehem tiegħu għal għan filantropiku, jkun xi jkun ir-riżultat tal-logħob. Din l-attività kienet tarġa għall-parteċipanti li ħadu sehem li għamlu konoxxenza ma' xulxin u f'għaqda taw is-sehem tagħhom u ngħabru fondi għall-għan imsemmi.



Il-Kumitat Sportiv jifraħ u jirringrazzja lill-organizzaturi għall-mod professjonali kif ittellgħet l-attività u jħeġġeġ lil għaqdiet oħra jorganizzaw attivitajiet simili u oħrajn differenti sabiex l-i*sports* fi ħdan id-Dipartimenti Governattivi kif ukoll dawk privati jikber u jissaħħaħ.

## Impenji oħra tal-Kumitat Sportiv

### *Other Ranks Games Room*

Fuq diversi suġġerimenti minn membri tal-Korp tal-Pulizija, il-Kumitat Sportiv wara diversi laqgħat iddeċieda illi jibda proġett ġdid ta' tisbiħ u ttranġar tal-kamra tal-logħob illi hemm ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, dejjem bl-għajnuna diretta tal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar. Il-Kumitat ħass il-ħtieġa li jimmodernizza l-kamra u jarmaha bi mwejjed tal-logħob ġodda għax li hemm bħalissa huma antiki u għandhom bżonn ta' manutenzjoni kbira. Il-Kumitat kollu, b'mod speċjali PC52 Emanuel Agius u PC121 Josef Vassallo huma l-persuni nkarigati sabiex il-ħolma ta' dawk il-membri li huma involuti fid-dixxiplini tal-*indoor sport* issir realtà. It-triq hija twila sabiex il-proġett ikun lest iżda bl-għajnuna tal-membri tal-Korp kif ukoll tal-Kumitat fix-xhur li ġejjin nittamaw li l-kamra tkun lesta u tkun għall-użu tal-membri tal-Korp tal-Pulizija.

Bħalissa l-Kumitat qiegħed f'pożizzjoni li jiġbor diversi stimi minn diversi entitajiet privati sabiex isiru x-xogħlijiet bżonnjużi u jinxtara l-materjal modern li hemm bżonn biex titlesta l-kamra. Għaldaqstant inħeġġu l-membri tagħna illi jekk hemm xi ħadd illi lest jagħti daqqa t'id f'dan il-proġett, faċilment jista' jagħmel kuntatt ma' PC52 Emanuel Agius u PC121 Josef Vassallo.

### Membri ġodda fil-Kumitat

Din is-sena xi membri mill-Kumitat Sportiv tal-Pulizija minħabba impenji oħra ta' xogħol kellhom kontra qalbhom joħorġu mill-Kumitat. Bl-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija l-postijiet vakanti ġew mimlija minn membri oħra tal-Korp tal-Pulizija li kienu ilhom juru interess li jagħmlu parti mill-Kumitat Sportiv. Il-membri l-ġodda huma l-iSpettur Omar Zammit, il-Maġġur 547 Martin Agius, is-Surġent 845 Ian Vella u s-Surġent 794 Gilbert Lia.

Il-Kumitat Sportiv jilqa' b'ferħ lil dawn il-membri l-ġodda u jawguralhom il-ħidma t-tajba. Il-membri

l-ġodda huma ta' valur għall-Kumitat tal-i*sports* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, liema Kumitat qiegħed dejjem jifrex iżjed id-dixxiplini sportivi a bażi tad-domanda/i mill-membri tal-Korp tal-Pulizija.

### Logħba futbol bejn is-selezzjoni Maltija u s-selezzjoni Għawdxija tal-membri tal-Korp tal-Pulizija

Il-Kumitat Sportiv ħass li kellu jagħti rikonoxximent tal-prestazzjonijiet tajba miż-żewġ timijiet tal-futbol fl-istaġun li għadda. Għaldaqstant, bl-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, nhar it-8 ta' Novembru 2016, iż-żewġ timijiet għamlu żjara ġewwa l-gżira ta' Għawdex fejn lagħbu partita futbol kontra s-selezzjoni Għawdxija. Stante li t-temp ma kienx wieħed ideali, il-motivazzjoni u l-enerġija tal-membri tal-Korp tal-Pulizija xorta għamlu din il-mawra possibbli. Il-logħba ntlagħbet fi spirtu sportiv u għalkemm l-ewwel taqsima kienet waħda bbilanċjata mhux ħażin, fit-tieni taqsima s-selezzjoni tat-Tim tal-Pulizija minn Malta tista' tgħid assigura r-rebħa u l-għoti tat-tazza li nxtrat għal din l-okkażjoni.

Il-ħsieb tal-Kumitat hija li għas-snin li ġejjin din l-attività tibqa' ssir fix-xahar ta' Novembru biex tibqa' tissaħħaħ il-ħbiberija bejn il-membri tal-Korp fid-dixxiplina sportiva tal-futbol u t-tazza tingħata għal sena lit-tim rebbieħ.

Il-Kumitat jieħu l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-membri tal-Korp tal-Pulizija li ħadu sehem f'din l-attività kif ukoll lil Sannat Lions li bis-saħħa tagħhom stajna nużaw il-faċilità sportiva tal-klabb. Grazzi mill-qalb.

### POLRUN 2016

Wara s-suċċess tas-sena l-oħra, il-Kumitat Sportiv ser jerġa' jorganizza l-*POLRUN 2016* nhar is-26 ta' Diċembru 2016. Din l-attività ser issir ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq. Għal kull tagħrif ieħor li wieħed jixtieq jistaqsi dwar l-imsemmija attività, wieħed jista' javviċina l-membri tal-Kumitat b'mod speċjali lil PC376 Andrew Grech.

.

mpsc.police@gov.mt

# AWGURI



Il-Membri tal-Kumitat Sportiv jieħdu l-opportunità li jagħtu x-xewqat sbieħ ta' Milied Hieni u Sena Aħjar, lil kull membru tal-Korp kif ukoll lill-familjari tagħhom, li tant u tant jagħmlu sagrifiċċji tul is-sena kollha.

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# International Police Association - Malta

Joseph Borda - Secretary General

## 61st IPA World Congress in New Zealand by Ps41 Matthew Attard

This year, I had the honour to attend as delegate instead of IPA Malta National President for the 61st IPA World Congress which was held in Auckland, New Zealand. I have been a member in IPA Malta section since I have joined the Malta Police Force 11 years ago. This was a great opportunity for me as I have never experienced such an international event.



The World Congress had returned back to New Zealand after 25 years, when back then, it was held in Wellington. This year IPA New Zealand Section is also celebrating its 50th Anniversary. The organization was bigger than usual to mark both important events.
IPA Malta section celebrated its 50th Anniversary in 2014, so we have quite a history too, and also meaning that our section was founded before. Arthur Troop the founder of IPA had one mission which was to spread the fellowship amongst Police officers around the world. The motto "*Servo per Amikeco*"- Service through Friendship is a statement for his commitment. I was delighted to hear the International President Mr. Pierre-Martin Moulin's welcome message! *"For 66 years now, the IPA world has been free of borders for its members. But how far would you go for a friend? Would you cross oceans, continents, the planet? Most of us will do just this to reach Auckland, where the 61st IPA world Congress will take place down Under".*

This message clearly states it all; there are no borders for IPA sections from around the world, to cross oceans and continents to be with their friends, as I did. The fatigue of a long journey of over 26 hours was clearly visible in the first day but was quickly diminished during the first get together. Although it was my first experience and I knew no one, as delegate I felt very welcome from the very first moments.

This was a great experience to understand the IPA platform strategies and plans for the future while meeting a lot of colleagues from different countries and cultures. One can clearly see the colourful diversity of police multicultural backgrounds yet with one aim and goal. The IPA is an NGO that has no political affiliations and it is very cautions not to be so as guided by the International Executive Board (IEB) to all respective national sections. On the other hand IPA is not an isolated body or works in a vacuum but provides assistance and contributes for the general Police well-being.



The IPA is the biggest Police Association with 66 sections all around the world. During this year congress, the EIB officially announced two new IPA sections; IPA Columbia and IPA Uzbekistan, whose members were warmly welcomed by all sections. During 2016

IPA increased the number of memberships by over five thousand. IPA Malta Section did not contribute to this increase as membership levels remained the same. We need to increase our efforts to strengthen our section. I always try to be positive so during this short article I will take the advantage and give you more reasons why you should be a member of IPA. For a very small membership fee (€8 per year) the advantages of being a member are truly incredible. Everyone likes to go abroad for holidays or for other reasons and hence you will have friends waiting to meet you in most of the countries in different continents where IPA is present.

IPA creates cultural exchange opportunities to you and your family to make new friends and new contacts. There are members who exchange hospitalization in their private home and had found their second family abroad. One can also gain access to affordable IPA houses, and other accommodation. The EIB this year had finalized a book available to all IPA members with all these accommodations. It was also discussed that an online electronic version with all these accommodations should be done in the future to make it easier and accessible especially with the young generation.

There is also the International Youth Gathering (IYG) organized and held annually in one of the IPA member country. The Arthur Troop Scholarship is awarded to 10 IPA members to attend seminars in an international institution. The IBZ Gimborn institution is an International institution in Germany for further education which also offers short courses aimed for police officers. IBZ Gimborn is located in a marvellous impeccable location. The IPA invests over €80,000 from its annual budget in this institution which means that all IPA members from all around the world have subsidized rates, for example courses offered by IBZ Gimborn in 2017 include an ASP Instructor course, on Prostitution in Europe, on Terrorism, on Understanding Cyber-crime and on Violence against Police Officers. Most of these courses are five-day courses with an affordable price for IPA members ranging around €300 including accommodation on full board basis, including excursions. A completed list of these courses may be accessed from our website www.ipamalta.com

For me the above reasons are more than enough, especially for the young police officers to join IPA. Joining does not only concern the academic aspect but also the social experience that you are spending few days with police officers from all around the world, sharing your thoughts while having a drink.

My opinion is for everyone to explore these opportunities jointly with the Malta Police force. The newly set-up Academy for Disciplined Forces may also benefit from these courses. A possible support could be introduced for those who will take the initiative and pay to attend one of these short courses, be considered part of his tour of duty without need to make use of his own vacation leave. Training and own initiatives to improve one's academic knowledge should be seen as investment in personnel themselves and the Force as a whole.

IPA Malta section will surely act as a bridge to facilitate all necessary arrangements needed in this aspect. IPA Malta Section also organizes social and sports events for all members. Events are also attended by foreign IPA participants like in the biennial shooting competition. Of course there is always room to do more. By joining us, you will increase our motivation and enthusiasm to organize more.

You can easily join IPA Malta from our website or call at Insp. N .Mercieca's office at GHQ. For those who were members and for any reasons had stopped paying their membership I encourage them to get back and renew. To conclude, this world congress gave me more strength and motivation to get involved in IPA Malta Section. I would like to heart fully thank our IPA Malta President Insp. N. Mercieca and all the committee for giving me this opportunity.

Finally, I would also like to show my gratitude to the IEB for their continuous effort and work towards IPA and surely last and not least to IPA New Zealand section for their great organization and their Kiwi hospitality which will be one to remember .

*Servo per Amikeco.*

*cont on page 59....*

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

## Foreign Visitors

During October we had several IPA visitors from different countries.

These were :
Peter Del Casalle and Julian Zarncke from IPA Germany
Nerea Roriguez from IPA Spain
David Kerr from IPA Scotland
Denis Hunt from IPA Wales

Most of them were shown around Police HQ including the Police / Crime Museum. On various occasions, they were also met and greeted by our National President, Insp. N. Mercieca.

### 2017 Membership Renewal

Membership renewal can be made at IPA Office, Menqa, on Mondays between 9.00 am and 12.00 noon or at the Police General Headquarters (Legal Office) with Insp. N. Mercieca from Monday to Sunday. For further information you may also call on 2294-2197 or email us on ipamalta@gmail.com












## Christmas Greetings

The National President, Secretary General, Treasurer and Committee Members would like to wish all our members, their families and readers of this magazine a Merry Christmas and a Happy New Year.

# Malta Association of Retired Police Officers

eks-Surġent u Teżorier Joe Borda (M.A.R.P.O.)

## Laqgħa Straordinarja

Nhar il-Ħadd 2 t'Ottubru, 2016 inżammet laqgħa straordinarja msejħa mill-Kumitat biex primarjament tkun diskussa r-risposta tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża mressqa minna.

Għal-laqgħa attenda numru sabiħ ta' membri li dejjem jagħtu s-sapport tagħhom u juru s-solidarjetà tagħhom mal-Kumitat.



Is-Segretarju informa lil dawk preżenti li wara l-laqgħa li saret mal-Kummissarju Lawrence Cutajar, ġie miftiehem li se jibda jkollna l-opportunità niġbru l-ħlas tal-menswalità mill-kamra fid-daħla tad-Depot, liema talba ripetutament kienet tkun rifjutata mill-Kummissarji preċedenti, kif ukoll ser ningħataw l-opportunità li meta jkun meħtieġ nagħmlu użu mill-kowċ tal-Korp f'xi ħarġiet li norganizzaw.

Il-membri ġew infurmati wkoll li l-Kummissarju waqqaf Kumitat biex jiddiskuti u jirrevedi l-*General Fund* ċioè l-*Mutual Help Association* magħrufa aħjar bħala tal-mejtin. Fejn qabel qatt ma konna nkunu involuti issa ser inkunu parteċipi f'dan l-imsemmi Kumitat. Ta' dan l-Għaqda tirringrazzja lill-Kummissarju.

Dwar il-midalja, is-Segretarju qal li f'laqgħat mal-Kummissarju u l-Ministru ġie diskuss l-għoti tal-midalja fejn ġejna infurmati li fir-ristrutturazzjoni tal-Korp se tingħata attenzjoni għar-regolamenti u l-kriterja li qed tintuża bil-għan li fejn hemm x'jista' jitjieb dan isir.



Għal din il-laqgħa straordinarja kif kien mistenni, kien mistieden jattendi wkoll l-Avukat Dr Adrian Delia LLd, biex jispjega dwar l-applikazzjoni tagħna quddiem il-Qorti Ewropea kif ukoll dwar ir-risposta li rċevejna. L-Avukat qal li hu jiddispjaċih bir-risposta negattiva li skont hu ġiet iddikjarata mhux ammissibbli skont il-kriterji mitluba f'Artikli 34 u 35 tal-Konvenzjoni. L-Avukat qara fid-dettall iż-żewġ artikli u spjegahom fid-dawl ta' kif saret l-applikazzjoni tagħna. Qara wkoll u spjega r-risposta li rċevejna. Saru wkoll diversi mistoqsijiet lill-Avukat li min-naħa tiegħu saħaq li l-Imħallef li eżamina l-applikazzjoni tagħna deherlu li ma konniex nimmeritaw li l-kawża tkompli għax ma kienx hemm każ kif hemm provdut fl-artikli msemmija. L-Avukat ħeġġeġ lill-Kumitat u l-membri sabiex flimkien ifittxu toroq alternattivi fejn is-sitwazzjoni dwar il-pensjoni tal-Pulizija tista' titjieb.

Min-naħa tiegħu l-Kumitat se jagħmel ħiltu sabiex ifittex toroq ġodda li jista' jgħaddi minnhom biex eventwalment jinstab xi rimedju sabiex is-sitwazzjoni titjieb.

Ray Zammit - Segretarju

## L-Għaqda tal-Pensjonanti – Il-Pensjoni tat-Teżor mingħajr il-COLA

B'referenza għall-ħarġa tal-magażin ta' Settembru 2016 – Vol 23 Numru 3 Paġna 60 fejn ingħad li meta tispiċċa mis-servizz u toħroġ bil-Pensjoni tat-Teżor, din tibqa' statika u anqas l-għoli tal-ħajja (COLA) ma tieħu.

Personalment ili nħeġġeġ lill-Għaqda sabiex tagħmel rappreżentazzjonijiet mal-Amministrazzjoni sabiex din tiġi indirizzata kif fil-fatt sar meta l-Għaqda kellha laqgħa mal-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali. Nikkonferma li fis-16 ta' Ġunju, 2016 kont impenjat mod ieħor (il-Qorti) u kontra qalbi ma stajtx nattendi.

Però waqt il-laqgħa tal-Għaqdiet Pensjonanti li saret nhar it-28 t'Ottubru 2016 ġewwa l-Belt, jien attendejt u ressaqt dan l-ilment kemm lill-Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, Dr Michael Falzon kif ukoll lix-*Shadow Minister* Dr Paula Mifsud Bonnici. Spjegajtilhom li din l-anomalija għandha tiġi indirizzata, għax jekk jogħlew il-prezzijiet jogħlew għal kull persuna f'Malta. B'hekk il-pensjoni ma għandhiex tonqos mis-saħħa tagħha. It-tnejn jidhru li fehmu u fuq inizjattiva tal-Ministru Farrugia bgħatt korrispondenza lilu fuq dan l-ilment u jidher li s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tiegħu ġie wkoll infurmat dwarha sabiex jaħdmu fuqha. Kopja ta' din il-korrispondenza ġiet mibgħuta lill-MARPO.

Waqt il-laqgħa semmejt ukoll il-kawża li għamlu eks membri tas-Servizzi kif ukoll il-kawża li għamlet l-għaqda tagħna l-MARPO, fejn b'dispjaċir il-Qorti tat sentenza mhux favorevoli għalina. Però oħroġ il-għaġeb dak li tlabna aħna fil-kawża ngħata b'kunsens unanimu fl-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna, lill-Kamra tar-Rappreżentanti, settur ieħor tas-Soċjetà Maltija. Nappella sabiex nibqgħu magħquda flimkien mal-unjins tal-Pulizija sabiex inkomplu nagħmlu *lobby* fuq dawn iż-żewġ ilmenti u nsegwu l-progress.

Martin Pace -Eks- PC 24

## Riċeviment Annwali tal-Kummissarju

Nixtiequ ninfurmaw lill-membri tal-Għaqda li r-riċeviment annwali għas-sena d-dieħla ser isir f'dawn id-dati:

Malta - Il-Ħadd 8 ta' Jannar 2017 fl-10.00 am

Għawdex - Il-Ġimgħa 6 ta' Jannar 2017 fis-7.30pm

# Mill-Imgħoddi

Din id-darba għandna kartolini maħruġa mill-Malta Police Association tal-*Constables Central Conference* datata 1957.

Il-Malta Police Association ġiet imwaqqfa fis-sena 1955.




**Miżata:** Issa li riesaq iż-żmien biex titħallas il-miżata tal-Għaqda, inħeġġeġ lill-membri biex jaġġustaw il-ħlas dovut ta' €5 fis-sena. Il-ħlas jista' jsir b'ċekk pagabbli lill-MARPO u jimpustawh f'dan l-indirizz:

MARPO P.O. Box 36, Birkirkara

Filwaqt li f'Għawdex għandu jintbagħat ġewwa l-uffiċċju tal-Għassa tar-Rabat. L-irċevuta tiġi mibgħuta bil-posta.

## XEWQAT SBIEĦ

*Il-President, l-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill jixtiequ l-isbaħ xewqat għall-Milied u s-Sena l-Ġdida lill-membri u lill-familji tagħkom, kif ukoll lill-qarrejja kollha ta' dan il-magażin.*



Ex PC 858 Carmel Camilleri
1949 - 2016
1976 - 2010



Ex Supt. John Mifsud
1944 – 2016
1963 – 1990



Ex PC 816 Joseph Micallef
1932 – 2016
1953 – 1978



Ex PS 809 & 1 Carmelo Farrugia
1937 – 2016
1956 – 1981 & 1987 - 1991



Ex PC 796 Joseph Dalli
1955 – 2016
1955 – 1980



Ex PC 387 Victor Scerri
1925 – 2016
1953 – 1978



Ex PC 778 Francis Moran
1925 – 2016
1979 – 1986



WPC 89 Mariella Spiteri
1975 - 2016
1994 - 2016
(Serving member)



2/WSM 88 Marthese Mercieca
1962 - 2016
1988 - 2016
(Serving member)



Ex PC 592 Francis X Azzopardi
1926 – 2016
1954 – 1976



Ex Insp. Vincent Bonnici
1920 – 2016
1940 - 1965 & 1973 – 1980

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK